# IL-KONTRIBUT TA' STUDJUŻI ĠERMANIŻI FL-ISTUDJU TA' L-ILSIEN MALTI MILL-BIDU TAS-SEKLU SBATAX SAL-BIDU TAS-SEKLU GĦOXRIN.[1]

REINHOLD KONTZI

Traduzzjoni ta' Martin Zammit

Qasam ewlieni fix-xogħol ta' Hans Helmut Christmann, li f'ġieħu tħejjiet din il-pubblikazzjoni, huwa l-istorja tal-lingwistika. Jien se nżomm ma' din it-tema f'dan il-kontribut tiegħi dwar l-istorja ta' l-istudju ta' l-ilsien Malti. Il-Malti ma jagħmilx parti mill-familja ta' l-ilsna Rumanzi, iżda ħa l-għamla tiegħu mill-kuntatt ma' lsien Rumanz, jiġifieri t-Taljan.

Meta niflu l-iżvilupp tar-riċerka fl-ilsien Malti naraw li din il-ħidma kellha x'taqsam ma' żewġ aspetti ewlenin:

1. il-ġbir ta' materjal lingwistiku dwar il-Malti, u
2. id-diskussjoni dwar ma' liema grupp lingwistiku għandu jiġi assoċjat l- ilsien Malti, u x'inhu n-nisel tiegħu.

Barra mill-istudjużi Maltin, kienu bosta l-barranin li taw sehemhom għall-istudju tal-Malti, fosthom studjużi Taljani, Franċiżi u Ingliżi. Jien se nillimita ruħi għas-sehem ta' l-istudjużi Ġermaniżi, għaliex rendikont sħiħ ta' l-istorja tar-riċerka fil-Malti ma jistax jingħata fl-ispazju mogħti lili għal dan l-artiklu.

Għalkemm se nirreferi biss għas-sehem ta' l-istudjużi Ġermaniżi, madankollu jeħtieġ li, għall-inqas minn ħin għall-ieħor, nuri dan il-kontribut f'relazzjoni ma' xogħlijiet ta' kittieba Maltin u kittieba minn nazzjonijiet oħra. Madwar is-sena 1600, il-Malti Fra Francesco Bardon kiteb grammatika tal-Malti b'dizzjunarju Malti-Taljan-Franċiż. Il-manuskritt ta' dan ix-xogħol jinsab fil-Biblioteka Nazzjonali tal-belt Valletta u sal-lum għadu ma ġiex ippubblikat (Cremona 1940: 19). Il-kavallier Franċiż Francis Thezan ukoll kiteb grammatika Maltija b'dizzjunarju u ppubblikat dan l-aħħar minn Arnold Cassola. Cassola jgħid li din il-grammatika nkitbet bejn l-1600 u l-1647 (Cassola 1992: xxxii). L-ewwel xogħol mitbugħ dwar il-Malti kien dak ta' Megiser minn Swabja u wieħed jista' jgħid li r-riċerka tiegħu dwar l-ilsien Malti, li dak iż-żmien kienet ħalliet effett fid-dinja ta' l-istudju, fil-fatt bdiet miegħu.

## Hieronymus Megiser (1553-1618)[2]

Megiser twieled fi Stuttgart madwar is-sena 1553. Mis-sena 1571 huwa studja fl-Università ta' Tübingen fejn kien l-istudent preferit ta' l-umanist Philipp Nicodemus Frischlin. Hu temm l-istudji maġisterjali tiegħu fl-1577. Kien f'dan iż-żmien li għamel bosta safriet u għallem f'ħafna postijiet. Fl-aħħarnett, Megiser inħatar professur

[1] It-titlu oriġinali ta' dan l-artiklu huwa "Der Beitrag deutscher Gelehrter zur Erforschung des Maltesischen seit Beginn des 17. Jahrhunderts bis zum Beginn des 20. Jahrhunderts" u jagħmel parti mill-pubblikazzjoni (1994) *Lingua et Traditio. Geschichte der Sprachwissenschaft und der neueren Philologien*. Dan huwa *festschrift* f'ġieħ Hans Helmut Christmann f'għeluq il-65 sena. L-edituri huma Richard Baum, Klaus Böckle, Franz Josef Hausmann u Franz Lebsanft u l-pubblikatur huwa Gunter Narr ta' Tübingen.

[2] It-tagħrif dwar ħajtu huwa meħud mill-monografija ta' Albert Friggieri (Friggieri 1987).

assoċjat fl-istorja fl-Università ta' Leipzig. Is-safar u l-attività professjonali tiegħu ħaduh fl-Italja, f'Malta, fil-Ġermanja tat-Tramuntana, fl-Olanda, fl-Ingilterra u fl-Awstrija. Hu kellu kuntatti ta' ħbiberija ma' Johannes Kepler, Ġermaniż bħalu, u bejniethom għaddiet korrispondenza dwar bosta temi akkademiċi. Megiser miet fl-1618 waqt żjara ta' studju.

Hieronymus Megiser kiteb madwar erbgħin ktieb u pubblikazzjoni dwar l-istorja, il-ġeografija, u l-ilsna. Hu l-awtur tat-*Thesaurus Polyglottus* li fih, skond ma qal hu stess, ġabar kliem minn erba' mitt lingwa u djalett. Hu kiteb l-ewwel grammatika ta' l-ilsien Tork u ħareġ l-ewwel edizzjoni Ġermaniża tal-vjaġġi ta' Marco Polo. Barra minn hekk, Megiser ippubblika l-ewwel kotba ta' gwida għall-vjaġġi. Wara l-vjaġġ tiegħu ta' l-1588-89 fl-Italja u f'Malta, huwa kiteb il-*Propugnaculum Europae. Wahrhafte, eigentliche und ausführliche Beschreibung der viel und weitberühmten Insel Malta* ("Il-Fortifikazzjoni ta' l-Ewropa. Deskrizzjoni vera, reali u dettaljata tal-wisq magħrufa gżira ta' Malta").

Megiser ittratta bosta aspetti ta' Malta, fosthom l-isem, il-ġeografija, l-istorja, it-tmexxija tagħha dak iż-żmien, il-prodotti tal-biedja u l-klima. Hu kellu dan xi jgħid dwar il-Maltin (p. 8): "...fil-parti l-kbira tagħhom [il-Maltin] huma poplu b'saħħtu, qawwi, u mdaħħal fiż-żmien, u għalkemm huma Nsara, madankollu jitkellmu b'ilsien is-Saraċini, tal-Mori jew tal-Kartaġiniżi, jew il-*Lingua Punica*. Din hi għamla ta' Għarbi u mnissla mill-Ebrajk. Dan li ġej hu eżemplarju ta' ftit kelmiet b'dan l-ilsien. Minħabba li din [il-lingwa] b'diffikultà kbira tista' tinkiteb, il-barranin bilkemm jistgħu jippronunzjawha."

Hawn Megiser jagħti lista ta' mija u wieħed u għoxrin kelma taħt it-titlu "*Specimen* qasir ta' l-ilsien Malti, jew ftit kelmiet komuni f'sura Ġermaniża ta' l-ilsien Afrikan jew Moresk li, mill-qedem sal-lum, għadu mitkellem fil-gżira ta' Malta."

Il-*Propugnaculum Europae* deher għall-ewwel darba f'Leipzig fl-1606 mid-dar tal-pubblikazzjoni H. Grossen des Jüngern. Il-monografija ta' Albert Friggieri hija bbażata fuq din l-edizzjoni (Friggieri 1987). Friggieri ppubblika, bil-kitba tiegħu stess, il-*Propugnaculum* kollu permezz tas-sistema "offset". Il-lista ta' kliem (jew l-i*Specimen*) tinsab fil-paġni 6-14 tal-*Propugnaculum* ta' l-1606. Il-ktieb reġa' ħareġ fl-1610, għal darb'oħra minn H. Grossen ta' Leipzig. Arnold Cassola analizza u ppubblika l-lista ta' kliem ta' din l-edizzjoni (Cassola 1988: 72-86). Fl-aħħarnett, il-*Propugnaculum* deher għal darb'oħra fi Krakau. Il-lista ta' kliem f'din l-edizzjoni kienet ġiet ippubblikata u diskussa minn William Cowan (1964: 217-225). Għalhekk, it-tliet edizzjonijiet tal-lista ta' kliem għadhom jeżistu sal-lum.

Fi tmiem l-i*Specimen* tas-sena 1606 naqraw dan li ġej (p. 14): "Wieħed jista' jsib aktar tagħrif dwar dan l-ilsien Malti, kif ukoll dwar ilsna Afrikani oħra, fil-ktieb tiegħi *Thesaurus Polyglottus*. Dan il-ktieb, mitbugħ fi Frankfurt fl-1603, jiġbor fih erba' mitt lingwa u nirrikmandah lill-qarrej interessat."

Dan il-kliem qanqal fija l-ħajra li nifli it-*Thesaurus Polyglottus* u nfittex il-kelmiet li jidhru ukoll fil-lista ta' kliem [fl-i*Specimen*]. Inkun nista' nippreżenta analiżi dettaljata ta' l-istħarriġ tiegħi f'okkażjoni oħra. Għalissa nistgħu ngħidu biss li, milli jidher, Megiser kien ġabar xi materjal lingwistiku matul iż-żjara tiegħu f'Malta fl-1588. Għall-ewwel huwa ħadem fuq parti kbira minn dak il-materjal għat-*Thesaurus* ta' l-1603, u aktar tard ġabar flimkien il-kliem Malti biss fil-listi ta' kliem li dehru fit-tliet edizzjonijiet tal-*Propugnaculum* (jiġifieri ta' l-1606, l-1610, u ta' l-1611) - fil-fatt, ma kienx hemm għajr lista waħda ta' kliem. Il-kliem Malti fit-*Thesaurus Polyglottus* huwa mqassam b'mod imwiegħer għall-aħħar. Skond ma qal Megiser stess, dan ix-

xogħol ta' 1583 paġna jiġbor fih kliem minn 400 lingwa. Mhux il-lessemi kollha huma murija f'kull lingwa. Hekk naraw li fil-każ ta' *aurum* ("deheb"), 40 lingwa biss huma mistħarrġa. Fil-biċċa l-kbira tagħhom il-lessemi Maltin m'humiex immarkati bħala "Maltin". F'disa' każi biss jidher il-kliem *Melitens.*, *Punicè Melitens*, *Melitens. Afric.* quddiem il-kelma. Anki Cassola fl-edizzjoni tiegħu dwar il-pubblikazzjoni ta' l-1610 irrefera għal dawn id-disa' kelmiet murija fit-*Thesaurus* bħala *maltesisch*, jew "Malti" (Cassola 1988: 78). Kelma minnhom, *sutor - Meliten* 'calcatore', ma tidhirx fl-i*Specimen*. Cassola rrefera ukoll għall-fatt li wieħed seta' jsib aktar kelmiet Maltin fit-*Thesaurus* taħt id-desinjazzjoni *Afric.* Jonqos aspett ieħor li għandu jiġi kkunsidrat. Għalkemm Megiser, fil-*Propugnaculum* (pp. 8, 9), qies l-ilsien ta' l-*Insula Malta* bħala "Saraċin, Moresk, Kartaġiniż, Puniku, tip ta' Għarbi mnissel mill-Ebrajk", madankollu wieħed irid iqis li taħt dawn it-tikketti hemm moħbija ukoll kelmiet Maltin. Fil-fatt, taħt il-kelma *Afric.* fit-*Thesaurus* wieħed isib 68 kelma li tidher ukoll fl-i*Specimen.* Taħt *Sarac.* jidhru erba' kelmiet bħal dawn, ħamsa taħt *Arab.*, kelma waħda taħt *Hebr.* u kelma oħra taħt *Pun.* Jekk ma' dawn ngħoddu t-tmien kelmiet taħt *Melitens.* nistabilixxu li, wara l-ewwel tnaqqija, sebgħa u tmenin mill-mija wieħed u għoxrin kelma ta' l-i*Specimen* diġà jidhru fit-*Thesaurus.* Mhux l-espressjonijiet kollha ta' l-i*Specimen* jinsabu fit-*Thesaurus* u dan minħabba li :

1. espressjonijiet u sentenzi ta' l-i*Specimen* bħal *wo seit ihr gewest* ("fejn kontu") ma jinstabux f'dizzjunarju li juri biss kliem waħdu,
2. lanqas ma jidhru fit-*Thesaurus* numri magħquda flimkien, bħal *vierzehen* ("erbatax"),
3. l-ebda verb fit-*Thesaurus* m'hu kkonjugat b'mod komplet;
4. għadd ta' ismijiet ta' għasafar tal-priża ma jidhrux fit-*Thesaurus* u
5. fl-eżemplarju tat-*Thesaurus* li jiena flejt, xi paġni ta' l-ittra *U* huma neqsin.

B'hekk ma stajtx nivverifika dan in-nuqqas ta' kelmiet fit-*Thesaurus.*

Aktarx li hemm raġunijiet sekundarji oħra li jistgħu jissemmew. Meta wieħed jikkunsidra dawn il-fatturi, probabbilment ikun jista' jgħid li l-parti l-kbira tal-kliem fit-*Thesaurus* jistgħu jitqiesu bħala Maltin.

Għalhekk nistgħu ngħidu li fit-*Thesaurus* ta' l-1603 kien diġà ppubblikat l-ewwel kliem Malti (madwar sebgħa u tmenin kelma). Huwa minnu li ftit biss dehru bħala "Malti"; il-parti l-kbira ingħataw mingħajr riferenza dwar ma' liema lingwa jagħmlu.

Bis-saħħa tat-*Thesaurus Polyglottus*, li d-data tiegħu hija magħrufa bl-eżatt, kif ukoll bis-saħħa ta' l-i*Specimen*, għandna l-ewwel tagħrif stampat dwar il-Malti b'eżempji lingwistiċi. Sa mill-bidu, il-lista ta' kliem ta' Megiser kienet għad-dispożizzjoni tad-dinja ta' l-istudju u ma damx ma sar użu minnha. It-*Thesaurus Polyglottus* ma setax ikollu l-istess effett għaliex l-elementi Maltin li fih ma kinux milħuqa b'mod dirett.

Issa nistgħu nikkonċentraw fuq l-i*Specimen.* L-arranġament ta' l-edizzjoni ta' l-1606 huwa b'mod li minn paġna 9 sa paġna 14 il-kelma Maltija tidher fuq in-naħa tax-xellug b'ittri italiċi, filwaqt li fuq il-lemin, b'ittri Ġermaniżi, tinstab it-tifsira bil-Ġermaniż. Biex niftiehem aħjar, se nuri l-bidu tal-lista:

| | | |
|---|---|---|
| *Alla* | *Gott* | ("Alla") |
| *Semma* | *Himmel* | ("sema") |
| *Digna* | *Welt* | ("dinja") |
| *Razal* | *Mann* | ("raġel") |

| | | |
|---|---|---|
| *Mara* | *Weib* | ("mara") |
| *Ebni* | *Sohn* | ("iben") |
| *Schems* | *Jüngling* | ("żagħżugħ") |
| *Schiech* | *Alt* | ("xiħ") |
| *Rani* | *Reich* | ("għani") |
| *Euchir* | *Arm* | ("fqir") |
| *Sabec* | *Schön* | ("sabiħ") |
| *Ecre* | *Heßlich* | ("ikrah") |
| *Guir* | *Groß* | ("kbir") |

eċċ.

Hawn mhux il-post fejn għandi niddiskuti fid-dettal il-kontenut ta' din il-lista. Li se nagħmel huwa li nisħaq fuq l-importanza ta' Megiser għar-riċerka fil-Malti. Megiser ma analizzax il-materjal lessikali li ġabar. Hu ried juri biss li jeżisti l-ilsien Malti u għamel dan permezz tal-materjal illustrattiv li offra lill-qarrejja.

Hemm żewġ problemi kbar f'dak li stqarr Megiser u fil-lista tiegħu, li għal żmien twil ħabblu rjus l-istoriċi u l-istudjużi tal-lingwa. L-ewwel problema tittratta dwar in-nisel u l-klassifikazzjoni tal-Malti, u t-tieni dwar l-ortografija Maltija.

Dwar l-ewwel problema, Megiser sejjaħ (p. 8) l-ilsien Malti "Saraċen" u "Moresk". Probabbilment din hija riferenza għall-Għarbi ta' l-Afrika ta' Fuq li llum jissejjaħ "Magrebin". Imbagħad hu qiegħed il-Malti fuq l-istess livell ma' l-ilsien Kartaġiniż jew il- "*lingua Punica*" li għalih "...hi għamla ta' Għarbi, u mnissla mill-Ebrajk." F'paġna 9 Megiser sejjaħ il-Malti "l-ilsien Afrikan jew Moresk." Mela għalih il-Malti hu "Saraċen", "Moresk", "Kartaġiniż", "Puniku", "għamla ta' Għarbi" u ta' nisel Ebrajk. F'dawn l-espressjonijiet tinstab il-kwistjoni kollha tal-klassifikazzjoni ta' l-ilsien Malti u li baqgħet tiġi diskussa minn ħafna ġenerazzjonijiet ta' studjużi li ġew wara. Megiser ħoloq xi ftit tal-konfużjoni bil-mod kif irrefera għall-Malti. Kellu jgħaddi ħafna żmien sa ma wieħed seta' jagħmel distinzjoni ċara.

Niġu issa għat-tieni problema: dak iż-żmien ma kienx hemm regoli għall-kitba tal-Malti, u ma kien hemm xejn miktub għajr xi testi li kienu moħbija f'xi manuskritt. Kellu jgħaddi ftit taż-żmien mhux ħażin qabel ma nstabu dawn il-kitbiet. Għalhekk, Megiser sab ruħu fil-qagħda tal-grammatiki Maltin ta' sekli wara li riedu japprezzaw mill-ġdid l-ilsien mitkellem tal-poplu tagħhom. Dawn ħtiġilhom jistandardizzaw l-ilsien Malti u dan il-proċess kien jitlob li jiġu ffissati regoli ortografiċi. Dawn il-grammatiki ħadmu fl-isfond kulturali Latin, u fuq kollox f'dak Taljan. Fit-tradizzjoni miktuba ta' dawn l-ilsna, il-grammatiki Maltin ma setgħux isibu l-fonemi kollha meħtieġa għall-Malti. L-istudjużi ppruvaw jiffissaw il-kitba tal-Malti permezz tal-kitba Latina u tat-Taljan, kif ukoll bl-għajnuna ta' sinjali oħra. Kellu jgħaddi ħafna żmien sakemm wieħed inqata' mill-mudell Taljan u, fuq il-bażi ta' l-alfabet Latin, ġiet żviluppata sistema ta' kitba li biha wieħed seta' jirriproduċi b'mod xieraq is-sistema fonetika Maltija. Kellhom ikunu r-regoli ortografiċi maħruġa fl-1924 (*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*) li stabbilixxew l-iżvilupp tal-kitba. Megiser għaraf il-problema ortografika meta f'paġna 9 qal li "Minħabba li din [il-lingwa] b'diffikultà kbira tista' tinkiteb, il-barranin bilkemm jistgħu jippronunzjawha." Huwa wasal għal din il-konklużjoni għaliex kien qed jibbaża fuq l-ilsien Ġermaniż u rriproduċa l-ħsejjes tal-Malti b'fonemi familjari għalih mill-kitba Ġermaniża. Dan wassal lil Megiser biex kiteb il-fonema alveo-palatali /š/ bħalma tinkiteb fil-Ġermaniż, jiġifieri *sch* fil-kelma *Schieh* "xiħ". Dan hu każ ta' riproduzzjoni perfetta.

Min-naħa l-oħra, meta Megiser deherlu li xi ħsejjes ma jinstabux fil-lingwa tiegħu, flokhom uża ittri mill-alfabet Ġermaniż li joqorbu lejn il-fonema Maltija. Hekk, ngħidu aħna, fil-kelma *lacham* "laħam" il-konsonanti farinġali frikativa /ħ/ hija murija permezz tal-konsonanti velari frikativa /x/ fil-Ġermaniż (miktuba *ch*).

Il-lista ta' kliem ta' Megiser hija interessanti għall-grammatika storika tal-Malti għaliex tirrifletti fażi lingwistika qadima ta' dan l-ilsien. Fl-Għarbi nsibu l-konsonanti interdentali frikativa u mhix imleħħna /ṯ/, bħal fil-kelma *iṯnān* "tnejn". Fil-Malti tal-lum, din il-konsonanti frikativa saret bħall-konsonanti omorganika plossiva /t/ : *tnejn*. Madankollu, jidher li Megiser kien għadu jisma' l-konsonanti frikativa. Minħabba li fil-Ġermaniż m'hemmx din il-konsonanti interdentali frikativa, Megiser uża minflokha konsonanti frikativi oħra: /f/, /s/ jew it-tnejn flimkien /sf/, fil-kelmiet *fne* "tnejn", *fliesan* "tlieta' (fl-Għarbi *ṯalāṯa*), *sfniema* "tmienja" (fl-Għarbi *ṯamānja*), *sfremi* "tmenin" (fl-Għarbi *ṯamānūn*).

L-istess jingħad għall-konsonanti interdentali frikativa mleħħna /ḏ/. Megiser juri dan il-ħoss fil-kelma *veheb* bil-konsonanti labjodentali mleħħna Ġermaniża *v*. Fil-Malti tal-lum din il-kelma hija *deheb*, b'konsonanti plossiva mleħħna. Il-konsonanti frikativa /ḏ/ (*ḏahab*) tinsab biss fl-Għarbi Klassiku.

Fil-każ tal-kelma *Rani* "għani" jidher ċar li Megiser stabilixxa element lingwistiku qadim. L-istess kelma fl-Għarbi Klassiku tinstema' *ġanī* b'konsonanti velari frikativa u mleħħna fil-bidu tal-kelma. L-ittra *R* ta' Megiser turi li, f'dan il-każ ukoll, hu kien sema' konsonanti frikativa.

Megiser ittraskriva l-kelma "għeneb" bħala *Ecnep* (*ecnep*) fit-tliet edizzjonijiet ta' l-*Specimen* u fit-*Thesaurus*. Il-korrezzjoni ta' Cowan għal *Einep* ma naħsibx li hi ġustifikata u naqbel ma' Cassola li jqis (1988: 82) din it-traskrizzjoni bħala riferenza għall-"għajn" (konsonanti larinġali frikativa mleħħna) meħuda mill-Għarbi u li kienet għadha mismugħa fil-Malti ta' dak iż-żmien.

Il-listi ta' kliem u t-*Thesaurus* juru ukoll kelmiet li jiddistingwu l-Malti mid-djaletti Għarab l-oħra. Barra minn hekk, fihom insibu kliem ta' nisel Għarbi u oħrajn ta' nisel Rumanz. Ta' nisel Għarbi huma: *Sabec* "sabiħ", *Eiamorro* "mar"; ta' nisel Romanz huma *Sumara* "xmara", u *Sajima* "bejken" (Cassola 1988: 85).

Sal-lum il-lista ta' kliem ta' Megiser għadha għajn importanti ta' tagħrif għall-grammatika storika. Kien għalhekk li Alexander Borg, per eżempju, għamel analiżi tagħha fit-teżi tiegħu (Borg 1978: 24).

Fl-aħħarnett nistgħu ngħidu li Megiser kien l-ewwel studjuż li tana lista ta' kliem Malti - lista li serviet bħala bażi għal aktar riċerka. Minħabba li hu rriproduċa l-kelmiet skond l-ortografija Ġermaniża, stajna nitgħallmu ħafna dwar il-qagħda fonoloġika ta' dak iż-żmien. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' liema lingwa wieħed jista' jassoċja l-Malti, il-fehmiet ta' Megiser huma ambigwi ħafna.

## Johannes Henricus Majus (1688-1732)[3]

L-istudjuż Ġermaniż li jmiss, u li ukoll stħarreġ l-ilsien Malti, huwa Johannes Henricus Maius. Huwa twieled f'Durlach fil-11 ta' Marzu 1688. Mill-1702 huwa studja f'Giessen, minn fejn kiseb il-Maġisterju fl-Arti fl-1707. Wara għallem fl-iskejjel għolja ta' Altdorf, Jena u Kiel u fl-1709 nħatar professur tal-Grieg u l-ilsna orjentali.

[3] Tagħrif meħud minn Zedler 1961: 659.

Aktar tard kien imsejjaħ f'Giessen fejn miet fiż-17 ta' Ġunju 1732. Fost l-għadd kbir ta' kitbiet dwar temi li jolqtu l-ilsna klassiċi u dawk orjentali, għalina huwa importanti x-xogħol li ppublika f'Leiden fl-1725 bit-titlu *Specimen Linguae Punicae in hodierna Melitensium superstitis* ("Eżemplarju tal-lingwa Punika li fadal fil-lingwa tal-lum tal-Maltin").

L-ewwelnett, Majus jagħti xi tagħrif ġeografiku dwar Malta. Fir-raba' taqsima naqraw is-sentenza ta' l-istoriku Grieg Diodorus Siculus: "Il-gżira hija kolonja tal-Feniċi." Fit-tmien taqsima, Majus qal li l-Maltin ħadu l-kult ta' l-allat mill-Feniċi, filwaqt li fl-għaxar u l-ħdax-il taqsima Majus irrefera għall-ħila tan-nissieġa Feniċi, u li hija riflessa fl-istess ħila tal-Maltin f'din is-sengħa. It-tnax-il taqsima għandha t-titlu *Veterum Melitensium lingua eadem quae Punica* ("L-ilsien tal-Maltin tal-qedem huwa l-istess bħal dak Puniku"). Huwa bbaża l-argument tiegħu fuq il-fatt li Malta kienet kolonja tal-Feniċi u li l-Maltin ħadu mingħandhom il-kult ta' l-allat kif ukoll tgħallmu minnhom xi snajja. "Għalhekk, kif jista' wieħed qatt jiddubita li l-Maltin, kolonja tal-Feniċi, kienu jitkellmu bl-istess ilsien tal-Feniċi? (*Ergone dubitare fas est, Melitenses, Phoenicum coloniam, ..., non eadem cum illis lingua usos fuisse?*"). Majus saħħaħ dawn l-argumenti storiko-kulturali b'fatti lingwistiċi. Huwa kien sar jaf lill-Ġiżwita Malti Jacobus Stanislaus Joannes Baptista Ribier de Gattis li kien tah bosta tagħrif dwar l-ilsien Malti. Għalhekk Majus kiteb: "Mill-ewwel għaraft il-qbil ta' l-ilsien Malti ma' l-Ebrajk u mill-ewwel immaġinajt lil Malta bħala kolonja tal-Feniċi. Mill-ewwel ħsibt fuq il-kummerċ li għadda bejniethom, u minn dan kollu wieħed ma jistax ma jasalx għall-konklużjoni li l-ilsien Malti tal-lum huwa l-fdal li baqa' mill-ilsien Puniku qadim, bħal twavel kiebja meħlusa min-nawfraġju."

Hawn irrid nisħaq li Majus ma qalx li l-ilsien Malti huwa identiku mal-Feniċju/Puniku, iżda li fih "fdal" (*rudera*) minnu.

Fost studjużi ta' qablu li kienu ta' l-istess fehma, fit-tlettax-il taqsima Majus semma lill-kavallier ta' San Ġwann Quintinus Haeduus (Jean Quintin d'Autun) li fl-1536 kien ippubblika x-xogħol *Insulae Melitae descriptio*. Dwar il-gżira ta' Malta huwa kiteb hekk: "...sal-lum titkellem bi lsien l-Afrikani" ("... *quae et ipsa adhuc Afrorum lingua utitur*"), kif ukoll "Kun af li l-ilsien li għandhom illum m'hu xejn differenti, jew ftit li xejn, minn dak tal-qedem." ("*Atque ut scias, aut nihil aut minimum differre a vetere quod nunc habent idioma.*") Quintinus saħaq ukoll li "...l-Maltin jifhmu ħafna mill-kliem ta' Hanno, persunaġġ Puniku magħruf fi Plawtu." ("*Hannonis cujusdam Poeni apud Plautum, ..., Punica verba intelligunt Melitenses.*") Huwa kien qed jirreferi għall-*Poenulus* ta' Plawtu.

Mill-erbatax-il taqsima Majus wera b'eżempji "...kemm il-Malti jaqbel tajjeb ma' l-ilsien Puniku Qadim." ("... *quam bene Melitensi linguae cum Punica conveniat.*"). Huwa reġa' rrefera għal Megiser u, mill-kummenti li għamel, wera li mhux biss kien jaf bl-i*Specimen* iżda ukoll bit-*Thesaurus Polyglottus*. Fil-fatt Majus ilum lil Megiser li "...xi drabi jsejjaħ l-ilsien tal-Maltin Għarbi u Saraċin, u drabi oħra jsejjaħlu Kartaġiniż u Puniku. Fl-ewwel tabella murija fit-*Thesaurus Polyglottus* huwa sejjaħ sew il-Puniku kif ukoll il-Malti bħala djaletti ta' l-Għarbi. Iżda f'dan il-qasam ma kienx imħarreġ biżżejjed." ("*Hieronymum Megiserum...Melitensium linguam mox Arabicam et Saracenicam, mox Carthaginiensam et Punicam, in tabula insuper prima thesauro ejusdem Polyglotto praefixa, tam Punicam quam Melitensem Arabicae dialectos, utpote parum in hoc foro exercitatum vocasse*").

Fil-ħmistax-il taqsima Majus qabbel kliem Puniku u Malti b'mod lingwistikament konkret. Huwa jibda bil-kelma li tfisser "demm" u jikteb: "*Edom* bil-Puniku huwa

"demm", skond ix-xhieda ta' [Santu] Wistin dwar is-Salm CXXXVI." Mela, fuq l-awtorità ta' [Santu] Wistin, il-kelma *edom* hija Punika. Dan huwa kkonfermat ukoll mid-dizzjunarju modern ta' Jean-Hoftijzer (1965: 58). Majus żied jgħid li fil-Malti l-kelma hija *demm*, u fl-Ebrajk u l-Għarbi *dam*. Minn tagħrif ieħor meħud mid-dizzjunarju ta' Jean-Hoftijzer naraw li fl-Aramajk Qadim il-kelma hija *dm* filwaqt li fid-dizzjunarju ta' Gesenius insibu li l-kelma fl-Assir hija *dāmu* u fis-Sabajk hija *dm* [b'ittri Ebrajċi] ("mdemmi"). Minn dan joħroġ ċar il-fatt li hawn għandna qbil bejn bosta ilsna Semitiċi u wieħed ma jistax jgħid li l-kelma Maltija *demm* ġejja mill-Feniċju/Puniku.

Se nikkwota, b'mod sħiħ, eżempju ieħor imsemmi minn Majus: "*Sic Melitenses cul dicunt edere, ex Phoenicio* *ʾkl* [b'ittri Ebrajċi]" ("Il-Maltin jgħidu l-kelma *kul* mill-Feniċju *ʾkl*"). Kif jista' l-awtur jistqarr dan b'mod daqshekk ċert? Hu ma kkwota l-ebda awtorità, u meta qal li l-kelma Maltija *kul* ġejja mill-Feniċju *ʾkl*, għamel dan biex ikun ta eżempju. Jaqaw għalih l-Ebrajk u l-Feniċju huma l-istess? Jean-Hoftijzer juri (p. 12) kif dan l-għerq jinstab fil-Kananew Qadim, fil-Feniċju, fil-Jawdi, fl-Aramajk Qadim, fl-Aramajk Imperjali u fl-Aramajk Lhudi. Gesenius (p. 34) ukoll ikkonferma li l-għerq *ʾkl* jinsab fl-Ebrajk u jagħti eżempji mill-Assir u mill-Etijopiku. Fl-Għarbi Klassiku u dak djalettali l-kelma *ʾakala* hija l-kelma użata normalment sabiex wieħed jgħidu [huwa] *kiel*. Dawn l-argumenti huma msejsa fuq it-tagħrif tal-lum dwar l-ilsna Semin. Għaldaqstant għandna ngħidu li din il-kelma Maltija hija lessema komuni fl-ilsna Semin. Hawn tqum il-mistoqsija dwar kif Majus wasal biex assoċja l-Malti mal-Feniċju/Puniku.

F'Majus naqraw ukoll: "*Aurum Melitenses Deeb adpellant (male enim in Megisero scribitur Veheb) vel Deheb, quod est Chaldeorum dhb* [b'ittri Ebrajċi]." Dan ifisser "Il-Maltin isejħu d-deheb *deeb* (f'Megiser tinkiteb ħażin *veheb*) jew *deheb*, bħal fil-Kaldew *dhb* [b'ittri Ebrajċi]." Minn dan wieħed jara li Majus ħadem bil-materjal ta' Megiser. Barra minn hekk, ir-riferenza għall-Kaldew hija interessanti. Jidher li hu identifika l-Feniċju ma' din il-lingwa. Dan huwa kkonfermat b'sentenza fiz-dsatax-il taqsima meta tkellem dwar in-numri u qal "*Proxime cum Chaldaicis, hoc est Phoeniciis, congruunt*" ("Huma [n-numri Maltin] jaqblu ħafna mal-Kaldej, li huma Feniċi."). Fil-fatt hawnhekk il-Feniċju jitqiegħed flimkien mal-Kaldew. Fl-imgħoddi l-Aramajk tal-Lvant kien imsejjaħ Kaldew. Hekk kien "...imsejjaħ l-ilsien li l-Lhud ħadu matul l-Eżilju fil-Babilonja" (Müller 1863: 232). M'hemm l-ebda dubju, iżda, li l-Kaldew u l-Feniċju m'humiex ilsien wieħed. Jekk inlumu lil Megiser għaliex ma ddistingwiex b'mod ċar bejn l-Għarbi, is-Saraċen, "l-ilsien tal-Mori", l-Afrikan, il-Malti, u l-Puniku, hekk ukoll issa jeħtieġ li nlumu lil Majus talli hu ukoll ma ddistingwiex b'mod ċar bejn l-Ebrajk, il-Feniċju/Puniku, u l-Kaldew (u miegħu l-Aramajk). Barra minn hekk, kif seta' Majus ikun jaf biżżejjed dwar il-Feniċju/Puniku meta sal-lum daqshekk ftit għadu magħruf dwar din il-lingwa, u li fi żmien Majus it-tagħrif dwarha kien wisq inqas? B'eċċezzjoni żgħira, il-letteratura Feniċja/Punika hija kollha mitlufa. L-eċċezzjoni żgħira hija silta ta' għoxrin vers fil-kummiedja *Poenulus*, fejn Plawtu iħalli lil Hanno l-Puniku jitkellem bil-lingwa tiegħu. Huwa diffiċli li wieħed jifhem u jinterpreta dawn il-versi għaliex, kif kien qal Sznycer (1967: 111) speċifikament dwar il-versi 940-949: "It-test... kien deformat sew mill-kopisti li għamlu minn kollox sabiex jagħtuh bixra Latina kemm jista' jkun." Għall-bqija, ikollna noqogħdu fuq iskrizzjnoijiet u ċitazzjonijiet ta' awturi antiki.

Mill-għadd ta' kliem mogħtija minn Majus, se nsemmi dawn li ġejjin: "... "mħabba" bil-Malti hija *Chabba*. Għalhekk il-kelma "ħabib" hija *Chabib* u "huwa ħabb" *Chobb*, u lkoll ġejjin mill-Feniċju *ḥabib, ḥibbā, ḥābab* [b'ittri Ebrajċi]."

Majus ma ta l-ebda evidenza dwar ir-rabta tal-Malti mal-Feniċju. Fid-dizzjunarju ta' Jean-Hoftijzer (p. 81) insibu kliem bl-għerq *ḥbb*. Fl-Għarbi hemm għadd ta' kliem b'dan l-għerq, bħal *ḥubb* "mħabba", *ḥabīb* "ħabib", *ḥabba* "huwa ħabb", eċċ. Bażikament dan il-kliem juri biss nisel Semitiku komuni.

Għall-kelma "dar" Majus ta l-forom *Ddar* u *Tar* (bħal Megiser) u rrefera għall-Kaldew u għall-Aramajk Rabbiniku *dyr* u *dyrᵓ* [b'ittri Ebrajċi], għas-Sirjak *Dairo* u għall-Għarbi *dār* [b'ittri Għarab]. Majus ġabar dan il-kliem flimkien u qal: "... irrid naħseb li f'dawn l-ilsna kollha tinsab imxerrda żerriegħa ta' nisel Feniċju" ("... *per has linguas omnes Phoeniciae originis sparsa jacere semina crediderim*"). Minn dan nifhmu li hu kien jemmen li dawn l-ilsna tnisslu mill-Feniċju.

Majus ikkwota derivazzjonijiet ta' kliem Malti fuq dan il-mudell li ġej: *Hom* "omm" minn *ᵓm* [b'ittri Ebrajċi]. Huwa la ta t-tifsira tal-kelma u lanqas ma qal għal liema lingwa qed jirreferi. Skond Jean-Hoftijzer (p. 15), Gesenius (p. 45) u Wehr (p. 38), din il-kelma tinstab fil-Feniċju/Puniku, fl-Ebrajk, fl-Aramajk Imperjali, fin-Nabatew, fil-Palmir, fl-Aramajk Lhudi, fl-Għarbi, fl-Għarbi tan-Nofsinhar, fl-Etijopiku, u fl-Assir. Dan ifisser li din hija kelma Semitika ġenerali.

Dawn li ġejjin huma eżempji oħra:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Ruh* | "ruħ" | minn *rwḥ* | (Jean-hoftijzer 276, Gesenius 748, Wehr 506) |
| *Biceri* | "kmieni" | minn *bwqr* | (Jean-Hoftijzer 41, Gesenius 112, Wehr 204) |
| *Sems* | "xemx" | minn *šmš* | (Jean-Hoftijzer 310, Gesenius 849, Wehr 674) |
| *Ras* | "ras" | minn *rᵓs* | (Jean-Hoftijzer 269, Gesenius 737, Wehr 440) |
| *It* | "id" | minn *yd* | (Jean-Hoftijzer 103, Gesenius 283, Wehr 1445) |
| *Leiil* | "dalma" | minn *lyl* | (Jean-Hoftijzer 138, Gesenius 285, Wehr 1178) |

F'dawn il-każijiet kollha hemm paralleli f'ilsna Semitiċi oħra. Għalhekk wieħed ma jistax jitkellem dwar nisel Feniċju għajr fil-każ meta jista' jiġi ppruvat li l-kelma oriġinali (*etymon*) tkun tinsab biss fil-Feniċju. Imma dan mhux il-każ.

Majus ma njorax il-fatt li bosta kliem Malti jinsab ukoll fl-Għarbi. Fis-sittax-il taqsima huwa kiteb: "Hemm ħafna fl-ilsien Malti li jinsab ukoll fl-ilsien ta' l-Għarab u s-Saraċini. Dwar dan, għażiż qarrej, m'għandekx għalfejn tistagħġeb għaliex huwa fatt li ż-żmien u bosta popli differenti jġibu magħhom bidla kbira fil-lingwa. Hekk ukoll ġara fl-ilsien Malti u fil-Puniku. Xejn ma nafu dwar l-eqdem fażi tagħhom. Dawn huma ilsna li ġew sfigurati għall-aħħar minħabba għadd ta' kliem barrani, mhux biss mill-Għarbi u mit-Tork, iżda ukoll mill-Etijopiku, mit-Taljan u kliem minn ilsna oħra. Mill-Puniku, per eżempju, kulma fadal huma traċċi vagi li bil-kemm jistgħu jintgħarfu."

Aktar tard Majus qal li l-kliem Puniku li kien skopra qabel kien ġej mill-eqdem żmien, filwaqt li kliem Għarbi u Tork wasal [fil-Malti] fi żmien aktar tard. Huwa semma żewġ eżempji ta' dan: il-kelma *Guart* "warda" ġejja mill-Għarbi *ward* [b'ittri Għarab], li tikkorrispondi, skond kliemu, għall-*wrd, wrdᵓ* [b'ittri Ebrajċi] tat-Targumisti u t-Talmudisti. Fil-glossarju ta' Jean-Hoftijzer (1941: 70) insibu xhieda ta' dan fl-Aramajk biss. Majus, għalhekk, ma għarafx il-kelma bħala waħda mill-Kaldew, li għalih kien Feniċju. Barra minn dan, Majus kiteb: "Eżempju ieħor ta' dan it-tip hija

l-kelma *hops* mill-Għarbi *ḫubz* [b'ittri Għarab] u mill-Etijopiku *ḫebest*". Majus seta' biss jispjega dan il-kliem bħala bidla fl-ilsien oriġinali minħabba influwenzi li seħħew wara.

Għal Majus (it-18 u z-19-il taqsima), in-numri jagħtu aktar xhieda tan-nisel Feniċju/Puniku ta' l-ilsien Malti. Huwa kkwota xi numri mill-Malti, t-Tork, l-Għarbi, u l-Kaldew/Feniċju. Għall-Malti Majus ħejja żewġ listi: aktarx l-ewwel lista kienet ġejja mill-informatur tiegħu Ribier de Gattis u t-tieni lista ħadha mill-i*Specimen* ta' Megiser. Dwar it-tieni lista huwa qal li din ma taqbilx mal-lista tiegħu, u li fiha xi żbalji. Fil-fatt, hemm differenzi kbar bejniethom. Hekk naraw li, bħalma ntwera qabel, fil-każ tan-numri tnejn, tlieta, tmienja, tnax, tlettax, tmintax, tletin u tmenin, fl-Għarbi Klassiku jibdew b'sibilanti dentali, u li Megiser, bil-Malti ta' żmienu, kien semagħhom b'ittra sibillanti u kitibha bil-mod tiegħu, filwaqt li Ribier-Majus innutaw konsonanti plossiva. Dak li skond Megiser kien *Fne* "tnejn", għal Ribier-Majus kien *Tnei*. Din id-differenza setgħet kienet ir-riżultat ta' bdil lingwistiku li seħħ fiż-żmien bejn il-kompilazzjoni taż-żewġ listi. Il-lista bin-numri Torok ma toffri l-ebda taqbil, filwaqt li Majus qal li "... n-numri tagħna", jiġifieri in-numri Maltin, "... huma eqreb lejn dawk Għarab" ("*Aliquanto propius Nostrorum numeri ad Arabicos accedunt*"). Hawn ta' min wieħed jgħid li Majus ta n-numri Għarab bil-vokali b'kollox, filwaqt li n-numri Kaldej/Feniċi dehru mingħajr vokali. Dwar dawn Majus innota li huma joqorbu ħafna lejn in-numri Maltin u kważi huma l-istess ("*Proxime cum Chaldeis, hoc est Phoeniciis, congruunt, immo idem paene sunt*").

Wieħed m'għandux jasal għal konklużjoni dwar qbil bejn in-numri Maltin u dawk Kaldej, u nuqqas ta' qbil man-numri Għarab, fuq il-kriterju ta' Majus. Li ġara huwa li Majus ma vvokalizzax in-numri Kaldej, filwaqt li n-numri Għarab li kkwota huma vokalizzati. Meta wieħed iqabbel isib li n-numru Malti *Huehet* (mill-ewwel lista), "wieħed", jikkorrispondi għal *Quachat* (mit-tieni lista, ta' Megiser) u jaqbel aktar mal-Għarbi *wāḥid* milli mal-Kaldew *ḥad*. Barra minn hekk, in-numru Malti *tnei* (mill-ewwel lista, li hi l-aktar reċenti), bl-ittra *n* tiegħu, huwa eqreb lejn l-Għarbi *ʾiṯnān* milli lejn il-Kaldew *trii / triin*. Mix-xhieda li toħroġ minn Jean-Hoftijzer (p. 334), naraw li n-numru *trii(n)* huwa assoċjat mal-grupp lingwistiku tal-Feniċju/Aramajk. Fil-lista tiegħu, Majus ikkwota n-numri tal-Għarbi Klassiku u għalhekk hemm differenza bejn l-għaxriet li jispiċċaw b'*-ūna* (tal-każ nominattiv) u dawk li jispiċċaw b'*-īna* (tal-każ oblikwu). Għalhekk, huwa naturali li n-numru bil-Malti *Chamsin* (fiż-żewġ listi) huwa eqreb lejn il-Kaldew milli lejn l-Għarbi Klassiku *ḫamsūna*. Dan ma jgħoddx aktar fil-każ meta, per eżempju, nqabblu n-numru Malti "ħamsin" mal-kelma *ḫamsīn* ta' xi djalett Għarbi. Jekk imbagħad nikkunsidraw numri Maltin bl-għajn, insibu li l-Malti jkompli jitbiegħed aktar mill-ilsna l-oħra. Dan għaliex, kontra l-ilsna Semitiċi l-oħra kollha, l-għajn fil-Malti għebet.

Kollox ma kollox, l-evidenza tan-nisel Feniċju bl-għajnuna tan-numri ma tipprova xejn. Wieħed isib ruħu dejjem aktar fil-qasam tas-Semitiku ġenerali jew fil-qasam ta' dak li hu differenti fil-Malti kontra l-ilsna Semitiċi l-oħra. In-numri ma jdaħħlux l-ilsien Malti, b'mod li ma jħalli l-ebda dubju, fil-grupp lingwistiku Feniċju.

Wara din id-diskussjoni dwar nisel l-ilsien Malti, Majus kompla l-istħarriġ tiegħu dwar il-Malti billi kkwota verżjoni tal-"Missierna". B'hekk, għall-ewwel darba, huwa ppreżenta lid-dinja ta' l-istudju test kontinwu bl-ilsien Malti, li huwa dan li ġej:

*Missier tanai, inti li dal sema*
*icun imbierec i nom tiah,*
*Cia il` art tiah,*
*it cun mamlūna il volunta tiah chif fil sema hec fil l`art*
*L`hops tanai coillium atina illùm,*
*Et affirna dnubietna, chif huahna n`ahflu a l`uhrai,*
*V m`a tamehl shei l`i nacau fil tentatione*
*Ma liberana dal malo*
*Ali ès tiah ia il dignia, unt tista collohs hiasin alla deiem. Amen.*

Dak li jolqot l-għajn meta wieħed iqabbel din il-verżjoni mat-talba tal- "Missierna" tal-lum huwa l-għadd ta' kelmiet ta' nisel Taljan. Dawn huma: *Missier, nom, volunta, tentatione,* u *malo.* Fil-verżjoni tal-lum insibu biss il-kelma "missier".

L-i*Specimen*, mela, kien il-kontribut ta' Majus fil-qasam tar-riċerka dwar l-ilsien Malti. Huwa ma setax jagħti iżjed eżempji għaliex fuq dan l-ilsien kien hemm skiet kbir ("... *quum de Melitensi lingua altum apud omnes sit silentium*"). Madankollu, bix-xogħol tiegħu *Specimen Alterum Linguae Punicae*, Majus seħħlu jikxef xi ftit aktar il-velu ta' skiet minn fuq l-ilsien Malti. Barra minn hekk, waqt li kien qed jifli bir-reqqa l-ktieb *Della Descrittione di Malta* ... ta' Francesco Abela, Majus inqeda b'metodu ġdid, importanti u effettiv sabiex isib u jfiehem kliem Malti li sa dakinhar kien għadu mhux magħruf. F'dan il-ktieb sab ismijiet ta' postijiet li hu kien diġa tkellem dwarhom fl-i*Specimen*, bħall-kelma *Guart* "warda" li f'Abela (p. 86) tidher bħala "*Hal Varda,* cioè Casale della rosa". Bis-saħħa ta' ismijiet ta' postijiet isemmija minn Abela, Majus żied kliem ġdid ("*Subjungamus nova nunc Melitensia nomina, quorum copiam subministrat Abela*"). Fost dan il-kliem insibu (Abela p. 86) "*Ràs el Eyun,* cioè à dire capo delle fontane" li minnu Majus jikkonkludi li "*caput est fontis*" ("ras l-għejun ta' ilma"). Skond Majus, l-etimoloġija ta' *Ras el Eyun* hija *rʾs šl ʿyn* [b'ittri Ebrajċi].

Fl-i*Specimen Alterum* Majus ħa minn Abela (p. 17) l-kelma *Gezira* "gżira". Fl-Għarbi l-kelma hija *ǧazīra*, sadanittant Majus juri l-kelma *gzyṛh* b'ittri Ebrajċi. Ma' liema lingwa Majus assoċja din il-kelma u għaliex kitibha b'ittri Ebrajċi? Dan l-għerq ma jinstabx fid-dizzjunarju ta' Jean-Hoftijzer, u għalhekk il-kelma lanqas ma tista' tkun Feniċja.

Majus ikkwota ukoll *Vyed el Ghamik* minn Abela (p. 20). Huwa kiteb "*vallis profunda*" u żied "... *quam Ebraei vocant bqʿt ʿmyq* [b'ittri Ebrajċi]." Dan huwa Ebrajk, iżda x'juri dwar il-Feniċju? Wara kollox, l-istess evidenza tinsab fl-Għarbi. F'Jean-Hoftijzer (p. 217), l-għerq *ʿmq* [b'ittri Ebrajċi] huwa kkwotat biss fl-Aramajk Qadim.

Post ieħor imsemmi minn Abela (p. 17) huwa *Tal-Ballut.* Bla dubju l-kelma ttieħdet mill-Għarbi *ballūṭ.* Majus qiesha bħala kelma mill-Kaldew u li ttieħdet ukoll mill-Għarab ("... *certe merum est Chaldaicum blwṭ* [b'ittri Ebrajċi] *quercus, quod & Arabes assumserant*").

Minn Abela (p. 24) Majus skopra ukoll *Toffieha* (illum "tuffieħa"). Din il-kelma tinsab fl-Ebrajk ukoll (Gesenius p. 886). Majus assoċjaha mal-Feniċju ("... *est Phoenicium tpwh* [b'ittri Ebrajċi] "). Ma nafux kif wasal għal din il-konklużjoni, għaliex mhux kull m'hu Ebrajk huwa Feniċju.

Il-kelma *Kabur* "qabar" ukoll hija meħuda minn mill-post *Kabar el Gharib* "sepolcro del forestiere" imsemmija minn Abela. Majus qal li *Kabur* m'hijiex għajr il-kelma

qadima *qbr* ("...*quod est antiquum* *qbr* [b'ittri Ebrajċi]"). Hawn għandna l-għerq *qbr* li, skond id-dizzjunarju ta' Gesenius (p. 699), jinsab fl-Ebrajk, fil-Feniċju, fl-Aramajk, fl-Għarbi, fl-Għarbi tan-Nofsinhar, fl-Etijopiku u fl-Assir. Il-kelma *qabar* hija ukoll kelma mil-lessiku ġenerali Semitiku.

Bis-saħħa ta' l-i*Specimen Alterum* għandna damma kbira ta' kliem Malti. Barra minn hekk, Majus dejjem ta kliem miġjub b'ittri Ebrajċi għal raġunijiet ta' etimoloġija. Ħafna drabi l-kliem ikkwotat ittieħed mill-Ebrajk jew minn xi wieħed mill-ilsna Semitiċi, fosthom il-Feniċju. Madankollu Majus ma setax jipprova l-oriġini esklussiva Feniċja ta' l-ilsien Malti.

Majus kien ċert li: "... minkejja li ntwerew bosta kelmiet li juru qbil kbir ma' l-Għarbi, madankollu l-oriġini tagħhom seħħ fil-Feniċju" ("...*etsi pauca non dentur, quae com Arabica maxime lingua magnum habeant consensum, ultimam tamen originem & natales a Phoenicibus trahunt*").

Il-mertu kbir ta' Majus huwa li għaddielna ħafna materjal varjat u, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-oriġini tal-Malti, wasslilna fatti lingwistiċi li jmorru lil hinn minn asserzjonijiet ġenerali. Jekk illum dawn l-argumenti m'humiex aktar konvinċenti, dan huwa ġej mill-fatt li dak iż-żmien wieħed ma setax ikollu aktar tagħrif għaliex ftit li xejn kien magħruf dwar il-Feniċju. L-istess jingħad dwar il-klassifikazzjoni ta' l-ilsna Semitiċi - ftit kien għadu magħruf dwar l-Ebrajk, il-Kaldew, l-Aramajk, il-Feniċju, eċċ. Element ġdid f'Majus kien l-użu ta' elementi lingwistiċi meħuda minn ismijiet ta' postijiet Maltin.

## Johann Christoph Adelung (1732-1806)[4]

Johann Christoph Adelung twieled fi Spentekow (Anklam) fit-8 ta' Awissu 1732. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu f'Anklam u fi Kloster Bergen (Magdeburg). Fl-1754 studja t-teoloġija fl-Università ta' Halle u temm l-istudji fl-1757-58. Sa l-1762 huwa kien *Professor Poeseos* [professur tal-poeżija] fil-ġinnażju Protestant tal-belt ta' Erfurt. Fl-1762 inħatar membru fil-kunsill ta' Sachsen-Gothaischen. Madwar l-1765 beda jagħmilha ta' skular privat f'Leipzig u fl-istess ħin okkupa ruħu bla heda b'ħafna xogħol ieħor. Ix-xogħol akkademiku li ġablu l-aktar suċċess kien *Versuch eines vollständigen grammatisch-kritischen Wörterbuches der Hochdeutschen Mundart* ("Tentattiv ta' Dizzjunarju grammatiku-kritiku komplet tad-djalett tal-Ġermaniż Klassiku") (1774-1786). Fl-1787 kiseb impjieg fiss bħala kap librar fil-biblioteka *Kurfürstlich* ta' Dresden, ħatra li kienet taqbel ħafna ma' l-interessi u l-kapaċitajiet tiegħu.

Adelung miet fi Dresden fl-10 ta' Settembru ta' l-1806. Ftit żmien qabel mewtu, dehret l-ewwel taqsima tax-xogħol tiegħu *Mithridates oder allgemeine Sprachenkunde mit dem Vater Unser als Sprachprobe in bey nahe fünfhundert Sprachen und Mundarten* ( "Mithridates, jew Poliglotta ġenerali bil-"Missierna" bħala eżempju f'madwar ħames mitt ilsien u djalett").

Fil-*Mithridates,* Adelung iddedika sitt paġni sħaħ għall-ilsien Malti fit-taqsima ta' l-ilsna Semitiċi. Hu ma kien għamel l-ebda stħarriġ dirett dwar il-Malti, iżda xi drabi rrefera għal dan l-ilsien b'dan il-mod (p. 414): "Minn dan naraw li, filwaqt li fl-ibliet l-ilsien mitkellem huwa t-Taljan, l-ilsien tan-nies tal-kampanja huwa taħlita mħawda ta'

[4] It-tagħrif dwar ħajjet Adelung huwa meħud minn Lüdtke 1978: 13.

kliem u forom mill-Għarbi, il-Ġermaniż u t-Taljan." Adelung semma (p. 415) xi studjużi li "... saħqu fuq in-nisel Feniċju ta' dan l-ilsien" u deherlu li "Setgħet tkun biss inklinazzjoni qawwija għall-mirakli li twassal biex l-għażla taqa' fuq l-eqdem poplu magħruf [il-Feniċi], filwaqt li ġew injorati l-Għarab li huma ħafna eqreb tagħhom [i.e. tal-Maltin]." Adelung, imbagħad, ta tliet verżjonijiet tal- "Missierna" (pp. 416-419). L-ewwel verżjoni ħadha mill-*Specimen* ta' Henricus Majus, it-tieni ħadha minn *Saggio Prattico* ta' Lorenzo Hervás u t-tielet mid-*Doctrina Christiana lingua Melit.* Adelung jagħti ukoll tifsir il-kliem ta' kull verżjoni.

Minkejja li Adelung ma daħalx fid-dettal tal-kwistjoni dwar nisel il-Malti, madankollu huwa esprima fehma li aktar tard intwera li kienet dik korretta. Għalkemm ma kienx hu li skopra l-materjal lingwistiku tat-tliet verżjonijiet tal- "Missierna", madankollu l-kontribut tiegħu kien li għarraf lil pubbliku akbar b'dak li kien ġabar ħaddieħor. Fil-fatt, Gesenius, fil-ktieb tiegħu *Versuch über die maltesische Sprache* ("Tentattiv dwar l-ilsien Malti"), seta' jagħmel użu mix-xogħol ta' Adelung.

**Johann Joachim Bellermann (1754-1842)**[5]

Johann Joachim Bellermann twieled f'Erfurt fit-23 ta' Settembru 1754. Fl-1772 daħal fl-Università ta' Erfurt fejn studja l-filosofija u t-teoloġija. Huwa kien jattendi l-aktar għal lezzjonijiet dwar l-ilsien Għarbi u l-Ebrajk, l-istorja tan-nazzjonijiet, il-loġika u l-fiżika. Fl-1775 mar fl-Università ta' Göttingen fejn studja l-filoloġija klassika u kompla l-istudji teoloġiċi u orjentalistiċi. Fl-1776 Bellermann temm b'suċċess l-eżami bħala kandidat għall-ħatra ta' predikatur. Mill-1778 sal-1781 huwa għalliem f'Estland. Minn hawn telaq lejn San Pietruburgu. Fl-1782 reġa' lura f'Erfurt u fl-1783 laħaq *Magister legens* [għalliem universitarju]. Fl-1784 Bellermann inħatar professur f'ġinnażju Evanġelista u professur assoċjat tal-filosofija fl-università. Fl-1790 inħatar bħala t-tieni professur tal-filosofija, filwaqt li fl-1794 laħaq direttur tal-ġinnażju Evanġelista. Fl-1801 sar professur ordinarju tal-Fakultà tal-Filosofija. Fl-1804 Bellermann mar Berlin fejn għamilha ta' direttur tal-ġinnażju ta' Berlin-Cöln. Hawn dam attiv għal ħamsa u għoxrin sena. Fl-1826 inħatar professur assoċjat fil-Fakultà tat-Teoloġija ta' l-Università ta' Berlin. Barra minn hekk, Bellermann kellu ħatriet u dmirijiet oħra, fosthom membru ta' l-Università Zarista ta' Kazan. Huwa kien ukoll membru f'bosta organizzazzjonijiet xjentifiċi. L-interessi tiegħu kienu mill-aktar varji u ħalla warajh għadd kbir ta' kitbiet dwar temi tal-filoloġija klassika, tat-teoloġija, tal-orjentalistika, tal-ġeografija, tal-folklor, ta' l-istudji naturali, tal-biblioteknika, tal-paleografija, tal-filosofija, tal-pedagoġija, eċċ. Kitbiet li huma rilevanti għas-suġġett tagħna huma:

1. *Versuch einer Erklärung der punischen Stellen im Pönulus des Plautus*, 1806-1808 ("Tentattiv biex jitfissru l-passaġġi Puniċi fil-*Poenulus* ta' Plawtu" - fi tliet partijiet);
2. *Poeniciae linguae vestigiorum in Melitensi specimen*, 1809 ("Eżemplarju ta' fdal ta' l-ilsien Puniku fil-Malti");
3. *De Phoenicum et Poenorum Inscriptionibus cum duarum explicationis periculo*, 1810 ("Dwar l-iskrizzjonijiet tal-Feniċi u l-Puniċi b'analiżi taż-żewġ [tipi] ta' kitbiet").

[5] Fin-nuqqas ta' tagħrif dettaljat dwar ħajtu, ħadt id-dati importanti mill-*Allgemeine Deutsche Biographie* (1875: 307).

Hawn se nittratta t-tieni xogħol imsemmi, jiġifieri l-i*Specimen*. Fil-bidu, Bellermann ikkwota l-ktieb ippublikat fl-1750 mill-Kanonku Malti Ġan Franġisk Agius de Soldanis *Della lingua Punica, presentemente usata da Maltesi, ovvero nuovi documenti, li quali possono servire di lume all'antica lingua etrusca*. F'dan il-ktieb insibu ukoll lista ta' kliem twila tmenin paġna. Kien fuq dan ix-xogħol ta' Agius de Soldanis li Bellermann ibbaża l-i*Specimen* tiegħu. Huwa nqeda bil-ktieb ta' Agius b'mod li rriproduċa l-kliem Malti bit-tifsir Taljan b'kollox, imbagħad żied it-tifsir partikolari tiegħu f'parentesi kwadri, kif jidher f'dan l-eżempju:

Achuq, tuo fratello [ *ʾāḥīka* - b'ittri Ebrajċi - tuus frater]

Bellermann stqarr li meta qara l-ktieb ta' Agius de Soldanis stagħġeb ħafna bix-xebh ta' l-ilsien Malti ma' l-ilsien tal-Lhud tal-qedem, u dan ix-xebh wasslu biex emmen fin-nisel Feniċju ta' kważi l-kliem kollu li ltaqa' miegħu ("..., *quum omniun fere vocum origines phoeniciae sese mihi ultro obtulissent*"). Fil-fatt, Agius de Soldanis kien għamel minn kollox sabiex juri l-oriġini mill-Feniċju iżda kien nieqes minn tagħrif bażiku dwar l-Ebrajk. Barra minn hekk, huwa wera l-kliem Ebrajk b'ittri Latini u bil-pronunzja Taljana. Aktarx li minħabba f'hekk, kemm il-ktieb imsemmi u l-kittieb tiegħu baqgħu mhux magħrufa fost l-istudjużi barranin.

Bħal Majus, Bellermann tkellem dwar ir-raġunijiet storiko-kulturali tan-nisel Feniċju ta' l-ilsien Malti. Huwa minnu li Adelung kien tal-fehma li l-Malti ħiereġ mill-Għarbi, minħabba li bosta kliem Malti jaqbel ma' l-Għarbi ("*Adelungius quidam eam* [l-ilsien Malti] *ab Arabibus derivandam opinatur, quod plures Melitensium voces cum arabicis conveniant*"). Madankollu, Bellermann kien tal-fehma li dan ix-xebh ġej minħabba li, lingwistikament, l-Għarbi u l-Ebrajk huma qraba. Għalhekk Bellermann wasal għall-konklużjoni, u rrefera fost oħrajn għal Majus, li l-ilsien Malti tnissel mill-Feniċju u mill-Puniku (p. 6). Għal Bellerman, il-punt prinċipali kien li hu kien għadu kif wera fi tliet pubblikazzjonijiet dwar l-ilsien Puniku fil-*Poenulus* ta' Plawtu li l-ilsien tal-Feniċi u tal-Lhud huwa l-istess. *("Et, quod caput rei est, Phoenicum et Hebraeorum linguam, unam fuisse eandemque, nuper in tribus Programmatis de Punice in Plauti Poenulo ostendimus*"). Bellermann, imbagħad, ta lista ta' 23 paġna bit-titlu "Kliem Malti mogħti minn Agius fil-lista ta' kliem u li huma mnissla mill-Ebrajk/Feniċju." ("*Voces Melitenses, quas Agius in indice vocabulorum exhibuit, ad origines hebraeo-phoenicias revocatae*").

Fil-każ ta' xi lessemi, Belleremann seta' juri li dawn jinsabu fil-Puniku. Fil-fatt, bl-istudju tiegħu dwar il-*Poenulus*, huwa seta' jikkwota kliem Feniċju. Dan jgħodd, per eżempju, għall-ewwel kelma miġjuba minn Bellermann (p. 7), jiġifieri *Ach* "ħu" li ttieħdet mill-vers 932 ta' *Poenulus* (Sznycer 1967: 46, 65). Barra minn hekk, huwa rrefera għal dawn il-kelmiet li ġejjin: p. 8 *Alla* "Alla" (*Poen*. 930; Sznycer 50); p. 10 *Ben, bin* "iben" (*Poen*. 932, 936; Sznycer 65, 87); p. 10 *Bent* "bint" u *Bniet* "bniet" (*Poen*. 932; Sznycer 64). Kliem Malti ieħor imqabbel ma' kliem fil-versi tal-*Poenulus* jidher problematiku u m'huwiex ikkonfermat mir-riċerka moderna.

It-tliet kelmiet imsemmija hawn fuq m'humiex prova tan-nisel Feniċju ta' l-ilsien Malti għaliex dawn il-kelmiet jinsabu fl-ilsna Semitiċi kollha. Bellermann qies il-kliem Malti li ma jinsabx fil-*Poenulus* iżda jinsab fl-Ebrajk, fis-Sirjak jew fil-Kaldew bħala Feniċju. Dan jidher fl-eżempju li ġej (p. 9):

*Baqra* "bove, vacca". [*bāqār* - b'ittri Ebrajċi - *bos, armentum boum*; Chald. *baqrā* - b'ittri Ebrajċi - "*bos, vacca et grex*", *Chaldaice latius quam Rebr.* [sic.] *usurpatur; it. Syr. Arab. Pers.*]

Mil-lista jidher ukoll li, għal Bellermann, il-Feniċju u l-Ebrajk huma l-istess lingwa.

Jekk inħarsu lura lejn id-diskussjoni dwar in-nisel ta' l-ilsien Malti u ma' liema lsien Semitiku għandu jkun assoċjat, żgur li dejjem niltaqgħu ma' l-istess fenomenu: li ma ssirx distinzjoni ċara bejn l-ilsna differenti. Bażikament, wieħed ma jistaqsix: "X'inhu l-Feniċju/Puniku?" Il-Feniċju, Il-Kaldew, l-Ebrajk, u s-Sirjak huma dejjem kunċetti li jitħalltu bejniethom. Barra minn hekk, ftit huwa magħruf dwar il-Feniċju/Puniku. Ħadd ma offra ebda kriterju lingwistiku li jwassal għal distinzjoni ċara. Iżda lanqas l-istudjużi l-oħrajn li jemmnu li l-ilsien Malti ġej mill-Għarbi ma jagħtu ebda prova ta' dan mix-xhieda lingwistika. Dwar Bellermann nistgħu ngħidu b'mod pożittiv li huwa, aktar minn ħaddieħor qablu, ipprova jibbaża l-klassifikazzjoni tal-Malti fuq materjal lingwistiku konkret.

**Wilhelm Gesenius (1786-1842)**[6]

Is-sitwazzjoni bdiet tinbidel mal-wasla ta' Gesenius. Sal-1809 Bellermann kien qiegħed l-ilsien Malti fuq in-naħa tal-Feniċju/Puniku, filwaqt li Gesenius assoċja l-Malti ma' l-Għarbi. Dan għamlu fix-xogħol tiegħu imsejjaħ *Versuch über die maltesische Sprache zur Beurtheilung der neulich wiederhohlten Behauptung, daß sie ein Ueberrest der altpunischen sey, und als Beytrag zur arabischen Dialektologie* ("Tentattiv dwar l-ilsien Malti u l-fehma mtennija riċentement li l-Malti huwa fdal ta' l-ilsien Puniku Qadim, kif ukoll bħala kontribuzzjoni għad-djalettoloġija Għarbija").

Wilhelm Gesenius kien Semitist ewlieni u qabel kollox kien Ebrajist (id-dizzjunarju tiegħu ta' l-Ebrajk u l-Aramajk tat-Testment il-Ġdid - *Hebräisches und Aramäisches Handwörterbuch über das Alte Testament* - għadu użat sal-lum u wasal fis-sbatax-il edizzjoni). Bis-saħħa ta' l-għerf kbir tiegħu, Gesenius jista' tabilħaqq jitqies bħala l-fundatur tal-lingwistika Ebrajka moderna.

Gesenius twieled f'Nordhausen fid-9 ta' Frar 1786. Huwa tgħallem b'mod privat mingħand missieru stess u wara attenda l-ġinnażju tal-belt tiegħu. Huwa studja t-teoloġija f'Helmstädt. Barra mill-istudji klassiċi, Gesenius taħa ukoll għall-ilsna "orjentali" . Fl-1806 huwa kien għalliem tat-teoloġija u f'dik l-istess sena kiseb id-dottorat fil-filosofija. Huwa nħatar għalliem fil-ġinnażju ta' Heiligenstadt u fl-1810 nħatar professur assoċjat tat-teoloġija f'Halle. Fl-1811 sar professur u żamm din il-ħatra sa ma miet fl-1842. Huwa ħalla warajh introduzzjoni u esiġesi tat-Testment il-Qadim, xogħlijiet dwar l-ilsna, il-paleografija orjentali, l-istorja tal-Knisja u l-arkeoloġija biblika. "Barra minn hekk, ix-xogħlijiet letterarji tiegħu għamluh ċelebrità akkademika ewlenija li qabżet il-fruntieri Ġermaniżi." Gesenius ħadem ħafna fil-qasam ta' l-ilsien Sirjak u dak Samaritan, kif ukoll fl-istudju ta' l-iskrizzjonijiet Feniċi. "L-influwenza ta' l-attività xjentifika ta' Gesenius fuq l-istudji orjentali u studji relatati oħra kienet tinħass ħafna fl-istudju ta' l-Ebrajk hekk li ġabet magħha bidla sħiħa. Fl-oqsma kollha, huwa pproduċa filoloġija Semitika li nqatgħet għaliha mill-bqija." F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istudju tal-lingwa, intqal hekk dwar Gesenius: "Huwa ħalla prinċipju bażiku fl-istudju ta' l-ilsien: li wieħed jifli bir-reqqa kollha l-iżvilupp storiku ta' dak l-ilsien u jqabblu ma' ilsna qraba tiegħu. Barra minn hekk, Gesenius kien jaf ilaqqa', bl-aħjar mod, l-użu abbundanti ta' għejun konfermati ma' riċerka u kritika mill-aqwa."

Ma nistax nidħol fl-għadd kbir ta' kitbiet ta' Gesenius, l-aktar fix-xogħol effettiv tiegħu dwar l-ilsien Ebrajk. Għalhekk ikolli ngħaddi minnufih għat-tema tagħna.

[6] Xi kultant ħadt it-tagħrif, kelma b'kelma, mill-*Allgemeine Deutsche Biographie* (1875: 89ff.).

Hawn nerġa' nikkwota mill-*Allgemeine Deutsche Biographie*: "Ta' importanza bażika għat-tiftix djalettali Semitiku, u għall-paleografija huma ... ix-xogħlijiet tiegħu dwar il-fdal lingwistiku tal-Feniċju." Tabilħaqq, Gesenius kien midħla sew tal-Feniċju u għalhekk seta' jitkellem b'awtorità u b'kompetenza dwar il-kwistjoni ta' nisel l-ilsien Malti. Huwa għamel dan fl-1810 fil-ktejjeb tiegħu dwar l-ilsien Malti u li issa se nitkellem dwaru.

It-titlu sħiħ ta' din il-monografija huwa: *Versuch über die maltesische Sprache zur Beurtheilung der neulich wiederhohlten Behauptung, daß sie ein Ueberrest der altpunischen sey, und als beytrag zur arabischen Dialektologie* ("Tentattiv dwar l-ilsien Malti u l-fehma mtennija riċentement li l-Malti huwa fdal ta' l-ilsien Puniku Qadim, kif ukoll bħala kontribuzzjoni għad-djalettoloġija Għarbija"). Hawn naraw li l-argumenti jduru fuq żewġ punti: il-Puniku u d-djaletti Għarab.

Dwar in-nisel Puniku, Gesenius (p. v) ħa pożizzjoni kontra t-teżi bażika mfissra fl-i*Specimen* ta' Bellermann (1809), jiġifieri li "...fl-ilsien tal-kampanja għad hemm fdal ta' l-ilsien Feniċju jew Kartaġiniż Qadim." Gesenius jilmenta mhux biss dwar in-nuqqas ta' materjal Puniku, iżda ukoll dwar in-nuqqas ta' tagħrif dwar in-natura tal-Puniku. Fin-nota (b.) huwa kiteb: "B'mod ġenerali, il-parti l-kbira ta' l-istudjużi ma kellhomx ideat ċari biżżejjed dwar in-natura tal-Puniku, speċjalment dawk li kienu jqisu l-Puniku bħala Ebrajk." Hawn Gesenius juri l-punt dgħajjef tat-teżi Punika: wieħed ma jafx biżżejjed dwar l-ilsien Feniċju sabiex fuqu jibbaża l-Malti.

Għalhekk Gesenius iqabbad ma' ħsieb partikulari sabiex iħoll il-problema - ħsieb li kien diġà wasal għalih ħaddieħor - jiġifieri: "...jekk, storikament, kienx aktar probabbli li l-ilsien Malti oriġina ma' l-Għarab li ħakmu l-gżejjer Maltin bejn is-snin 870 sa l-1090 w.K., u li anki wara dik id-data kien għad fadal minnhom mhux imkeċċija,...; iżda xhieda dwar dan trid toħroġ mill-ilsien innifsu, ġaladarba n-neo-Għarbi, anke jekk kien *patois* imħassar, mill-ewwel jingħaraf bħala tali minn min hu midħla tad-djaletti Semitiċi, u ma jinftiehemx bħala xi sitt djalett li għadu mhux magħruf. " (p. ix).

Gesenius ħa ħsieb jagħti tagħrif dettaljat dwar l-ilsien Malti bħala djalett neo-Għarbi. Sa dak iż-żmien, l-evidenza dwar il-Malti kienet nieqsa. Huwa kiseb il-grammatika u l-vokabularju ta' Agius de Soldanis ta' l-1750, jiġifieri *Della lingua Punica presentemente usata dai Maltesi ovvero nuovi documenti i quali possono servire di lume all'antica lingua Etrusca,* iżda ma kienx jaqbel mal-prinċipju bażiku tal-ktieb. Madankollu, għal Gesenius din il-grammatika kellha l-vantaġġ li fiha sab ħafna aktar materjal milli sab f'xogħlijiet oħra maħruġa sa dakinhar dwar nisel l-ilsien Malti.

Fit-taqsima dwar id-djaletti neo-Għarab, Gesenius uża l-aktar il-ktieb *Grammatica linguae mauro-arabicae* ("Grammatika ta' l-ilsien Moresk-Għarbi") ta' Franz v. Dombay ippubblikat fl-1800. Din kienet l-ewwel monografija dwar djalett Magrebin u l-ewwel kontribut xjentifiku fil-qasam tad-djalettoloġija Għarbija (Fück 1955: 151). Gesenius ikkonsulta ukoll il-ktieb *Nachrichten von Marokos und Fes* ("Aħbarijiet mill-Marokk u minn Fes") ta' Georg Höst li fih kapitlu bit-titlu "L-Ilsien tal-Mori". Aktar qabel intqal li l-metodu tar-riċerka ta' Gesenius kien jikkonsisti fit-tqabbil ta' l-ilsien "... ma' ilsna qraba tiegħu". Huwa adotta dan il-metodu fil-każ tal-Malti u dan billi qabbel it-tagħrif meħud minn Agius de Soldanis mad-djaletti neo-Għarab. Fl-introduzzjoni (p. xii) Gesenius kiteb hekk: "... u wara li qabbiltu [il-Malti meħud minn Agius de Soldanis] ma' xogħlijiet dwar djaletti neo-Għarab, ma baqax l-iċken dubju dwar il-fatt li l-ilsien Malti huwa fergħa tad-djaletti Għarab, distinta biss permezz ta' xi provinċjaliżmi magħrufa."

Fl-introduzzjoni, fejn it-teżi tal-ktejjeb hija diġà antiċipata, insibu d-diskussjoni proprja mogħtija fi tliet taqsimiet. Fl-ewwel taqsima Gesenius ta "ħarsa qasira lejn il-grammatika Maltija". Hawn insibu l-ispjegazzjoni dwar ma' liema fergħa tas-Semitiku għandu jiġi assoċjat l-ilsien Malti. Fit-tieni u t-tielet taqsima Gesenius, bħalma rajna fil-każ ta' l-istudjużi tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel, ippreżenta l-materjal illustrattiv dwar il-Malti.

Fl-ewwel taqsima Gesenius wera l-linji ġenerali ta' l-ilsien Malti u ddiskuta ukoll in-nisel ta' dan l-ilsien. Din it-taqsima tibda hekk (p. 1): "Il-karatteristiċi ta' dan id-djalett, li l-Għarab daħħlu magħhom [f'Malta] fid-disa' seklu, huma, b'mod ġenerali, l-istess bħal dawk li jinsabu fid-djaletti ta' ilsna mifruxa ħafna. Ġeneralment wieħed jiġbor dawn il-karatteristiċi taħt id-definizzjoni "provinċjaliżmi". L-istess jingħad, b'mod speċjali, dwar id-djalett Marokkin kif nafuh minn Höst u speċjalment permezz ta' Dombay. Iżda, bħalma huwa mistenni, fid-djaletti dejjem ikun hemm ċerti devjazzjonijiet u pekuljaritajiet. Parti minn dawn il-Maltin setgħu ġabuhom magħhom mill-immigrazzjoni u żammewhom fi lsienhom (filwaqt li f'reġjuni oħra kienu ġew fix-xejn), u oħrajn setgħu ġew żviluppati wara l-qtugħ [tal-Maltin mill-art ta' l-oriġini]."

Dawn l-ewwel sentenzi tas-sommarju diġà juru b'liema reqqa Gesenius kien midħla tal-kontenut kumpless ta' l-ilsien Malti. Dan il-passaġġ qasir jurina li: 1. għal Gesenius ma kienx hemm dubju li l-Malti ġej mill-Magrebin (huwa uża l-kelma "Marokkin"), u 2. Gesenius kien jaf bl-elementi arkajċi fil-Malti u li ma baqgħux jintużaw fl-ebda djalett Għarbi ieħor. Fl-aħħarnett, dan il-passaġġ jurina li Gesenius kien attent ukoll għall-innovazzjonijiet li seħħew minħabba l-iżolament ta' l-ilsien Malti.

Gesenius, imbagħad, daħal fl-oqsma differenti tal-Grammatika Maltija, kif meħuda mill-ktieb ta' Agius de Soldanis u mqabbla max-xogħlijiet ta' Dombay u Höst. Id-diskussjoni ta' din l-ewwel taqsima tinfirex fuq 25 paġna. F'dan l-artiklu se nidħol biss f'dak li hu l-aktar importanti għas-suġġett tagħna.

Fil-parti fonetika, Gesenius innota li l-ittri "għajn" u "**għ**ajn" fil-Malti ingħaqdu f'ittra waħda u jinkitbu "g̱h".

Huwa stabilixxa (p. 2) li l-vokali twila Għarbija *ā* saret *ie* fil-Malti: *bāb* > *bieb*, "... pronunzja li tinsab ukoll fil-Marokkin." Għalhekk, il-kelma Għarbija *bāš* issir *biesc* fil-Malti u *besc* [traskrizzjonijiet ta' Gesenius] fil-Marokkin. Hawn Gesenius kien qiegħed jirreferi għall-*imāla* komuni fiż-żewġt ilsna.

Gesenius irrefera ukoll għall-fenomenu li hu sejjaħ "pronunzja vojta ta' l-ewwel ittra radikali" li wieħed isib fid-djalett Magrebin u fil-Malti, jiġifieri meta taqa' l-ewwel vokali fil-kelma: per eżempju *triq* < Għarbi *ṭarīq*.

Fil-Malti u fil-Magrebin in-numri kardinali bejn 11 u 19 jitilfu l-aħħar konsonanti *r*. Dan ma jseħħx f'djaletti Għarab oħra. Għalhekk fil-Malti nsibu n-numri *hhdasc, tnasc, tlittasc, arbatasc* [traskrizzjoni ta' Gesenius] (p.15) eċċ. Dombay jagħti dawn li ġejjin bħala numri ta' djalett Magrebin *ähadáš, tsenââš, tselâtáš, erbatáš*, eċċ. (p. 31). Id-djaletti Għarab tal-Lvant iżommu ir-*r* finali. Hekk per eżempju fl-Eġizzjan nsibu *ḥidāšar, itnāšar,, talattāšar, arbaḥtašar* (Mitchell 1978: 60).

Fit-taqsima morfoloġika Gesenius irrefera (p. 16, 18) għall-fatt li fil-Malti l-ewwel persuna singular tal-verb fil-preżent (jew kif huwa magħruf aħjar fit-terminoloġija Semitistika l- "imperfett") tieħu l-prefiss *n*, bħal *neftahh* "niftaħ", filwaqt li l-ewwel persuna plural tieħu s-suffiss *-u* (*nefthhu* "nifthu"). Gesenius sab l-istess fil-Grammatika ta' Dombay (p. 20): *enā nekul* "niekol", u *nachrugiū* [traskrizzjonijiet ta'

Gesenius] "noħorġu". Hawn ukoll għandna element li jinsab fil-Malti u fil-Magrebin filwaqt li m'huwiex magħruf fid-djaletti Għarab tal-Lvant.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġenittiv analitiku (il-possessiv), Gesenius sab qbil kemm fil-forma kif ukoll fil-funzjoni bejn il-Magrebin u l-Malti (Gesenius p. 11, Dombay p. 27). Il-possessiv Malti *tigh* u *tagh* [traskrizzjoni ta' Gesenius] rispettivament (illum *tiegħ* u *tagħ*) u l-Magrebin *metā*[c] ġejjin mill-Għarbi *metā*[c]. (Dan, iżda, mhux każ ta' fattur komuni esklussiv għall-Magrebin u l-Malti, għaliex fid-djalett Eġizzjan ukoll insibu li *mta*[c], *beta*[c] eċċ. jintużaw b'din il-funzjoni).

Fil-qasam lessikali Gesenius irrefera (p. 51) għall-kelma *feqruna* "fekruna" li hi mogħtija ukoll minn Dombay (p.51). Barra minn hekk Gesenius qal li din il-kelma intweriet fost il-kliem li ma jinstabx fil-lingwa miktuba. Fil-fatt Dozy (Suppl. II, 275) jagħtiha bħala kelma mill-Berberu.

Gesenius irrefera għal aktar qbil bejn l-ilsien Malti u d-djalett Magrebin f'dak li hu l-artiklu, l-għadd, il-komparattiv, il-pronomi, in-numri, il-verbi, l-avverbi, u l-prepożizzjonijiet (p. 8-26).

Dwar il-karatteristiċi tal-Malti, Gesenius ikkwota bosta kelmiet li huma innovazzjonijiet fil-Malti biss, bħal *Vesq* (p. 5; 71), illum "wisq", u *ieq*, illum "jekk".

Gesenius kiteb ukoll dwar karatteristika oħra fl-ilsien Malti (p. 5; 53), jiġifieri dik taż-żewġ verbi *għad* u *qal* li jissupplimentaw lil xulxin. Dan huwa mudell supplettiv li wieħed jista' jqabbel, fil-prinċipju, mal-konjugazzjoni tal-verb *aller* fil-Franċiż. Mid-djaletti Għarab kollha, fil-Malti biss iseħħ dan.

Gesenius semma ukoll espressjonijiet Għarab (p. 6) li, minkejja li għadhom jinstabu fil-Malti, madankollu ħadu tifsira oħra. Hekk, per eżempju, insibu l-kelma *Darb* "darba" mill-Għarbi *ḍarb* "daqqa"; *ftit* mill-Għarbi *futāt* "ftiet" (kien ikun aħjar kieku kkwota l-kelma *fatīt* li għandha l-istess tifsira).

Eżempju ieħor ta' innovazzjoni jidher fil-kliem meħud mit-Taljan. Gesenius ikkwota (p. 2) l-kelmiet: *Umidità, Arc,* (illum "ark"), *Qolp* (illum "kolp"). Huwa wera kif l-elementi Taljani huma integrati fis-sistema morfoloġika Maltija (p. 7): *liberana, jeruinnah*. Minn verżjoni tal-"Missierna" Gesenius semma l-kelmiet *nom, volunta, tentation, malo* [traskrizzjoni ta' Gesenius].

It-tieni taqsima tal-ktejjeb (p.27-42) għandha t-titlu "Siltiet ta' taħdit kontinwu bil-Malti, bi traduzzjoni u tifsir." Hawn Gesenius offra materjal lingwistiku dwar il-Malti u b'hekk żied it-tagħrif konkret tagħna dwar dan l-ilsien.

Fl-ewwel parti Gesenius ta eżempji ta' taħdit meħuda mill-grammatika ta' Agius de Soldanis. Minflok it-traduzzjoni għat-Taljan ta' l-espressjonijiet Maltin, Gesenius qalibhom għall-Ġermaniż. Barra minn hekk huwa ta ukoll l-ekwivalenti bl-Għarbi djalettali, u ħafna drabi jikkwota lil Dombay u lil Höst, biex b'hekk jerġa' jgħaqqad il-Malti mal-Magrebin.

Fit-tieni parti Gesenius ġab it-tliet verżjonijiet tal-"Missierna" li kienu diġà deħru fil-*Mithridates* ta' Adelung u żied it-tifsir lingwistiku tiegħu. Anki hawn Gesenius irrefera għall-elementi komuni mad-djalett Magrebin fil-każ, per eżempju, tal-partiċella komparattiva *phhal* [traskrizzjoni ta' Gesenius] (illum "bħal"), li huwa bir-raġun kollu qabbel mal-partiċella *biḥāl* imsemmija f'Dombay (p.112).

It-tielet taqsima (p. 43-72) tikkonsisti f' "Vokabularju, skond Agius, flimkien mas-sezzjoni Taljana-Maltija meħuda mill-istess xogħol, b'taħriġ grammatikali u biż-żjieda tat-traduzzjoni". Kontra dak li kien għamel qablu Bellermann, Gesenius ġab il-kliem kollu misjub f'Agius de Soldanis u f'għamla li tgħodd għall-qarrej Ġermaniż.

Għalhekk, għal kull lessema insibu l-kelma bl-Għarbi, it-tifsira bil-Ġermaniż u, xi drabi, aktar kummenti. Fl-ewwel linja jingħata l-materjal lessikali. Xi drabi f'dan il-vokabularju jinkixfu aktar korrispondenzi mal-Magrebin u jintwerew aktar karatteristiċi partikulari tal-Malti. F'ħafna aspetti, ix-xogħol ta' Gesenius huwa aħjar minn ta' Agius de Soldanis u Bellermann. Hekk, biex nieħdu eżempju, fil-każ tal-kelma *Ardu* "xaħam" (p. 45) Gesenius għaraf il-komponent Taljan fil-Malti. Huwa għaraf il-kelma bħala aferesi mit-Taljan *lardo*. Skond Bellermann, il-kelma ġejja mill-Ebrajk *rdyd* [b'ittri Ebrajċi], iżda dan mhux il-każ.

Permezz ta' bosta eżempji Gesenius wera li l-Malti għandu jiġi kklassifikat ma' l-Għarbi. Huwa kważi dejjem iseħħlu jsib il-kelma korrispondenti fl-ilsien Għarbi. Dan jgħodd ukoll għall-kelma *ġieb* li minnha Gesenius jikkwota *Gibu, Gibli* [traskrizzjoni ta' Gesenius], eċċ. (p. 52 ). Huwa qal li l-verb Malti ġej minn *ǧāb* "li diġà kien misjub fl-Għarbi Qadim, iżda aktar fl-Għarbi vulgari." Min-naħa l-oħra, Bellermann (p. 16) qabbel dan il-verb ma' l-Ebrajk *yhb* [b'ittri Ebrajċi] "huwa ta".

Il-kontribut ta' Gesenius għall-istudju tal-Malti jikkonsisti fil-fatt li hu kompla ġabar aktar materjal lessikali u testi u b'hekk, permezz tal-lingwa, seta' jiċħad in-nisel Feniċju ta' l-ilsien Malti. Bis-saħħa ta' materjal illustrattiv tajjeb, Gesenius kien l-ewwel studjuż li wera li l-ilsien Malti huwa relatat mad-djalett Magrebin.

## Carl Sandreczki (1810-1892)[7]

Carl Sandreczki (Karl Sandreczky) twieled fl-1810 fi Munich, fejn studja l-liġi u l-filosofija. Fl-1834 Sandreczki mar mar-rè Otto fil-Greċja fejn okkupa ħatriet ġudizzjali sa l-1837. Aktar tard, huwa ddedika ruħu għas-servizz ta' l-Evanġelju u sa l-1871 kien attiv bħala missjunarju fil-Lvant Qarib. Fl-1850, fuq ordni taċ-"Church Missionary Society", Sandreczki telaq għal vjaġġ twil fil-lvant tat-Turkija. Huwa ppubblika d-djarju, f'żewġ volumi, ta' dan il-vjaġġ bit-titlu *Reise nach Mosul und durch Kurdistan nach Urmia* ("Vjaġġ għal Mosul, u minn Kurdistan għal Urmia"). Fl-1871 reġa' lura fil-Ġermanja u reġa' sab postu fis-sistema ġudizzjarja. Fl-obitwarju tiegħu naqraw: "Fil-21 ta' Lulju 1892 miet f'Passau il-kunsillier tal-qorti tal-kontea Dr. K. Sandreczky. Huwa kien jitkellem tajjeb ħafna bi tmien ilsna u studja sewwa bosta xogħlijiet letterarji Għarab. B'xorti ħażina, ma seħħlux itemm id-dizzjunarju Għarbi tiegħu."

Bil-kapaċitajiet lingwistiċi tiegħu, Sandreczki seta' jiffamiljarizza ruħu ma' l-ilsien Malti. Huwa ppubblika żewġ artikli fil-ġurnal *Zeitschrift der Deutschen Morgenländischen Gesellschaft* ("Ġurnal tas-Soċjetà Orjentali Ġermaniża", [imqassar *ZDMG*]) bit-titlu "Die maltesische Mundart" ("Id-Djalett Malti") fil-ħarġiet Vol. 30, 1876: 723-737, u Vol. 33, 1879: 225-247. Ma nafux jekk qattx żar Malta.

Dwar il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni ta' "l-ilsien jew id-djalett Malti" Sandreczki fisser ruħu hekk: "... għalhekk nistgħu insejħulu [l-Malti] Għarbi, ċertament imħassar ħafna." Sandreczki attribwixxa l-preservazzjoni ta' dan id-djalett Għarbi għall-qagħda

[7] Ir-riferenza għal Sandreczki nafha lill-istudjuż u lingwista Malti Alexander Borg li jgħallem f'Iżrael. Ftit stajt insib dwar ħajjet Karl Sandreczki u dwar il-karriera professjonali tiegħu. Tagħrif dwaru jinsab biss fl-obitwarju qasir "In Memoriam" miktub f'ġieħu. Dan l-obitwarju huwa mehmuż ma' kopja tal-ktieb ta' Sandreczki *Reise nach Mosul* li kont sibt fil-biblioteka ta' l-Università ta' Tübingen. L-attività missjunarja ta' Sandreczki fil-Lvant Qarib tokkupa l-parti l-kbira ta' l-obitwarju.

marġinali tiegħu u żied jgħid: "Il-preservazzjoni tad-djalett Malti tista' tiġi spjegata biss minħabba li huwa mitkellem fi grupp ta' gżejjer imwarrba u mitluqa għal riħhom, ....." (1876: 724). Huwa nnota ukoll l-influwena Taljana fil-Malti: "Anki l-kummerċ kbir ma' l-Italja (Sqallija), li tinsab fil-qrib, kellu l-effett tiegħu fuq l-ilsien Malti billi żiedu u ssupplimentah, aktar milli ġabu fix-xejn." (1876: 724).

Sandreczki jibbaża l-tagħrif li jagħti dwar il-Malti fuq żewġ għanjiet popolari meħuda minn *Description of Malta and Gozo* (Malta 1838) ta' George Percy Badger. Huwa daħal f'ħafna dettal fil-każ ta' l-ewwel għanja (725-31). Huwa ħadem hekk:

1. ittraskriva l-għanja mill-ortografija Ingliża,
2. qalibha għall-Għarbi, u flok ċertu kliem tipiku Malti daħħal kliem Għarbi korrett (bħal fil-każ tal-kelma Maltija *il-giuvni*, miġjuba *aš-šāb* bl-Għarbi),
3. fisser għadd ta' espressjonijiet Maltin, u
4. qaleb l-għanja għall-Ġermaniż.

Fil-każ tat-tieni għanja, Sandreczki ittrattaha b'inqas dettal (1876, 732-35).

Uħud mill-espressjonijiet m'humiex imfissra sewwa minn Sandreczki. Dan narawh, per eżempju, fl-ewwel għanja meta l-kelma *tinsab* qabbilha ma' l-Għarbi *nasab* (1876: 729), filwaqt li dwar *fees* (illum *fis*) u *yiena* [traskrizzjoni ta' Sandreczki] (illum *jiena*) huwa stqarr: "... it-tnejn li huma m'humiex ċari għalija." (1876: 730). Il-verb *ikollu* qabblu ma' l-Għarbi *yaʾkulu* "jiekol" (1876: 728), u dwar *ebda*, fit-tieni għanja, huwa reġa' stqarr "... mhix ċara għalija" (1876: 733). *Ebda*, fil-fatt, hija negattiv ġenerali derivat min-negattiv temporali Għarbi *ʾabadan* "qatt". Iżda m'għandniex għalfejn noqogħdu neħduha ma' l-awtur minħabba dawn in-nuqqasijiet għaliex dalwaqt naraw li ma damx ma sab mezz li bih tejjeb it-tagħrif tiegħu dwar l-ilsien Malti.

Hemm, imbagħad aspett importanti ieħor. Fost l-istudjużi Ġermaniżi, Sandreczki daħħal tema ġdida: kif wieħed għandu jikteb il-Malti. Huwa kien jippreferi kieku l-Malti kien miktub bl-ittri Għarab. Madankollu f'Malta kienu ddeċidew li jużaw il-kitba b'ittri mill-alfabet Latin. Sabiex setgħu jinkitbu fonemi barranin intużaw ittri mill-Għarbi u mil-Latin f'kitba imħallta li "... l-istramberija tagħha hija kważi assurda." (1876: 734). Bħala eżempju Sandreczki jikkwota test żgħir li jibda bil-frażi *ʿāzīzī* [b'ittri Għarab]: *azizi eben* "Ibni l-għażiż". Huwa qalibha għall-Għarbi hekk: *ʿazīzī ibn* [traskrizzjoni ta' Kontzi]. "L-oħrajn introduċew xi ittri permezz ta' trasformazzjonijiet jew adattazzjonijiet żgħar mil-Latin." (p. 734). Skond din it-tip ta' kitba, l-"għajn" Għarbija tinkiteb ⩀ (p.735) u għalhekk it-test tagħna jibda hekk: *⩀azizi eben*. Il-problema tal-kitba baqgħet tħabbat lill-Maltin sa s-seklu għoxrin, meta fl-1924 dehru r-regoli ta' l-ortografija fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Sa fl-aħħar, kienet ittieħdet id-deċiżjoni favur kitba Latina, b'xi sinjali dijakritiċi miżjuda ma' xi ittri ta' l-alfabet Latin, bħal *ħ*, *għ*, *ġ*, *ċ*, u *ż*.

Wara l-pubblikazzjoni ta' l-artiklu tiegħu fil-ġurnal *ZDMG* 30 (1876), Sandreczki sar jaf bil-*Grammatica della lingua maltese* u d-"Damma ta' Kliem" (*Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi*) ta' Michelantonio Vassalli. Dan wasslu biex kiteb kontribuzzjoni itwal dwar il-Malti fil-*ZDMG* 33 (1879). L-istudju grammatikali u lessikali ta' Vassali saħħew il-fehma ta' Sandreczki dwar il-karattru bażikament Għarbi ta' l-ilsien Malti u kellu "...aktar provi dwar kemm l-ilsien Malti hu qrib ta' l-Għarbi Safi." (1879: 226).

Issa Sandreczki seta' jifhem aħjar bosta karatteristiċi tal-Malti u kkoreġa xi tagħrif żbaljat mogħti qabel. Bl-għajnuna ta' Vassalli, il-kelma *fees*, li sa ftit qabel xejn ma kienet ċara, issa dehret bħala żvilupp mill-frażi Għarbija *fī as-sāʿa* (1879: 228), kif ukoll tgħallem minn Vassalli li l-verb *ikollu*, mogħti fiz-*ZDMG* 30 bħala relatat ma'

*yaʾkulu*, fil-fatt ġej mill-konjugazzjoni tal-verb *kien / ikun*, jiġifieri minn: *yakūn lahu* "ikun lilu" > "huwa għandu". Fit-tieni artiklu ukoll kien għad fadal espressjonijiet mhux ċari. Dwar *K'* Sandreczki kien kiteb "Ma nafx id-derivazzjoni tagħha" (1876: 734), filwaqt li dwar il-varjanti *jyk* (illum *jekk*) huwa jgħid: "...għadha misteru għalija" (1879: 237). L-oriġini ta' din il-konġunzjoni għadha sal-lum mhux imfissra għal kollox.

Fiż-*ZDMG* 33, Sandreczki ta ħafna materjal illustrattiv, hekk li mit-tmien mija u tlieta u sittin kelma tad-damma ta' Vassalli, huwa rriproduċa mitt kelma u kelma. Huwa ppreżenta l-kliem b'dan il-mod: l-ewwel ta t-traskrizzjoni tal-Malti, imbagħad traduzzjoni għall-Għarbi Klassiku (b'ittri Għarab), traduzzjoni għall-Ġermaniż, u fl-aħħar, tifsir dwar xi espressjonijiet.

L-istudji ta' Sandreczki jwasslu sabiex wieħed jassoċja l-ilsien Malti, mingħajr ebda dubju, mal-grupp Għarbi. Bis-saħħa ta' l-artikli tiegħu, aktar testi saru aċċessibbli għall-qarrejja Ġermaniżi u l-istudjużi saru konxji tal-problema tal-kitba. L-edituri taż-*ZDMG* għarfu l-kisbiet tal-pubblikazzjonijiet ta' Sandreczki. Madankollu, huma fehmu fejn kienu jinsabu l-punti tat-tluq għal aktar tiftix lingwistiku meta kitbu hekk: "Għal aktar tiftix bir-reqqa dwar il-Malti, għandha tingħata konsiderazzjoni sħiħa għad-djaletti Għarab l-oħra, l-aktar il-Magrebin u, m'hemmx għalfejn ngħidu, hemm ukoll il-ħtieġa ta' studji ġodda u l-ġbir ta' materjal fuq il-post." (1879: 247, nota n. 1). Kien eżattament dan li l-istudjużi Ġermaniżi seħħilhom jagħmlu fil-bidu tas-seklu għoxrin.

## Hans Stumme (1864-1936)[8] u Bertha Ilg (1881-1965)[9]

Hans Stumme twieled f'Mittweida fl-1864. Huwa attenda n-Nicolaigymnasium f'Leipzig u l-Ginnażju ta' Rudolstadt. Sa mill-1885, f'Leipzig, Stumme studja l-ilsien Għarbi, l-ilsna Semitiċi ta' l-Etijopja, l-Assirjoloġija u s-Semitistika. Taħt Socin studja d-djaletti Għarab u t-Tork. Bis-saħħa ta' dawn l-istudji, Stumme kien kiseb formazzjoni bażika fis-Semitistika. Huwa studja ukoll il-fonetika taħt Sievers u kiseb tagħrif li aktar tard sabu ta' fejda kbira fix-xogħol tiegħu dwar testi djalettali. Fl-1887 żar l-Afrika ta' Fuq. L-ilsna u l-kulturi ta' dan ir-reġjun kellhom jokkupawh sew tul ħajtu kollha. Bħala riżultat taż-żjara tiegħu, fl-1888 ippreżenta teżi lill-Università ta' Tübingen dwar id-djalett tal-belt ta' Alġier. Immedjatament wara l-gradwazzjoni, Stumme reġa' rħielha lejn l-Afrika ta' Fuq fejn intefa' b'ruħu u ġismu għall-istudju ta'. l-ilsna Berberi u tad-djaletti Magrebini moderni. Huwa żar ukoll l-Eġittu, is-Sirja, il-Baħar l-Aħmar, l-Awstralja, New Zealand, Samoa, Honolulu, il-Messiku, u l-Amerika ta' Fuq. Fl-1892 reġa' lura Leipzig u, fis-snin ta' wara, ippubblika xogħlijiet dwar problemi lingwistiċi ta' l-Afrika ta' Fuq u dwar il-folklor ta' dan ir-reġjun. Minn issa 'l quddiem beda jokkupa ruħu b'temi lingwistiċi u folkloristiċi. Fl-1895 inħatar għalliem universitarju u qatta' ħamsa u tletin sena jagħti lezzjonijiet u taħdidiet dwar l-Għarbi Klassiku, il-letteratura Għarbija Klassika, l-Għarbi Modern u d-djaletti Għarab mill-Marokk sa l-Eġittu, il-Persjan, il-Persjan Modern, it-Tork, il-Malti, l-Etijopiku (imsejjaħ Ge'ez), l-ilsna Berberi u ilsna oħra ta' l-Afrika. Fis-sena 1900

8 Tagħrif meħud minn Brauner (1988: 7), Bellmann (1988: 44) u Preißler (1988: 131).

9 Għal aktar tagħrif dwarha, u dwar ħidmietha, ara Kontzi (1991: 281-284).

inħatar professur assoċjat ta' l-Għarbi Modern u l-ilsna Ħamitiċi ta' l-Afrika. Fl-1909 inħatar professur ta' dawn l-oqsma ta' studju. Huwa kien "mogħni b'ħila ta' l-għaġeb f'ħafna ilsna" (Brauner 1988: 10). "Il-lezzjonijiet tiegħu fl-ilsien Għarbi kienu mibnija fuq tradizzjoni soda u kien jiddiskuti temi dwar iċ-ċiviltà u l-kultura tal-pajjiżi Għarab." (1.c. 11). "Żjara ta' studju [minn Stumme] ta' biss tliet ġimgħat fil-gżejjer Maltin, fl-1903, wasslet għall-ħruġ ta' tliet pubblikazzjonijiet bażiċi dwar id-djalett Għarbi ta' Malta." (Preißler 1988: 132). Il-pubblikazzjonijiet kollha ta' Stumme jiddistingwu ruħom "...fis-sengħa kbira fit-tħaddim tal-fonetika." (Brauner 1988: 9). Ta' min wieħed jenfasizza ukoll l-interess li Stumme kien juri għal kulma l-poplu kien joffri f'dak li huma stejjer, ħrejjef, leġġendi, poeżiji, għanjiet, aneddoti, eżempji ta' ħaġa moħġaġa u taħbil il-moħħ, għanjiet tat-tfal, għanjiet tat-triq, rimi eċċ. (Bellman 1988: 46). Stumme miet fi Dresden fl-20 ta' Diċembru ta' l-1936.

Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu dwar l-istudji Magrebini, insemmi dawn li ġejjin: *Tunisische Märchen und Gedichte* (1893), *Tripolitan-tunisische Beduinenlieder* (1894), *Der Arabische Dialekt der Houwāra des Wād Sûs in Mako* (1895), *Märchen der Schluh* (1895), *Dichtungen und Gedichte der Schluh; Nordwestafrika* (1895), *Grammatik des tunisischen Arabisch* (1897), *Neue tunisische Sammlungen*(1896), *Märchen und Gedichte aus Tripolis in Nordafrika* (1898), *Handbuch des Schilchischen von Tazerwalt* (1899), *Märchen der Berber von Tamazratt in den Grundzügen* (1902). Wara ż-żjara tiegħu f'Malta, fl-1904 Stumme ppubblika: *Maltesische Studien. Eine Sammlung prosaischer und poetischer Texte in maltesischer Sprache nebst Erläuterungen* ("Studji Maltin. Ġabra ta' testi ta' proża u poeżija bl-ilsien Malti, flimkien ma' tifsir"), *Maltesische Märchen, Gedichte und Rätsel in deutscher Übersetzung* ("Ħrejjef, Poeżiji u Taħbil il-Moħħ Maltin maqluba għall-Ġermaniż"). Fl-1909, flimkien ma' Bertha Ilg, Stumme ppubblika: *Maltesische Volkslieder, im Urtext mit deutscher Übersetzung* ("Għanjiet popolari Maltin, bit-test oriġinali u maqluba għall-Ġermaniż.").

Matul iż-żjara ta' tliet ġimgħat f'Malta Stumme seta' jikseb ħafna tagħrif. Huwa għażel l-informaturi tiegħu bir-reqqa kollha sabiex ikunu minn inħawi differenti tal-gżejjer Maltin u minn bosta livelli soċjali (Stumme 1904: 2. Ara ukoll Bellmann 1988, li jirreferi għal aspetti letterarji).

Meta nsemmu l-pubblikazzjonijiet Maltin ta' Stumme ma nistgħux ma nsemmux lill-kollega tiegħu Bertha Ilg. Stumme stess kiteb fil-*Maltesische Studien* (p. 3) u fil-*Maltesische Märchen* (viii, nota. 1), li hija għenitu fil-ġbir tal-materjal. Dwar Ilg, Stumme kiteb hekk: "... kittieba żagħżugħa li tgħix f'Malta, li titkellem tajjeb ħafna bil-Malti, u li taf biżżejjed il-ħajja ta' dan il-poplu interessanti." Hija tidher bħala ko-awtriċi tal-*Maltesische Volkslieder* u aktar tard ippubblikat waħedha il-ktieb *Maltesische Märchen und Schwänke* ("Ħrejjef u Stejjer tad-Daħk Maltin"). Fl-aħħarnett, Ilg ħalliet warajha manuskritt b'ġabra ta' espressjonijiet Maltin li jien kont ippubblikajt f'artiklu bit-titlu "*Maltesische Redensarten, gesammelt von Bertha Koessler-Ilg* ("Espressjonijiet Maltin miġbura minn Bertha Koessler-Ilg") u li deher fil-ktieb iddedikat lil Singer fl-1991. Bertha Ilg tabilħaqq tistħoqq kull attenzjoni. Hija għexet fost poplu barrani, fehmitu tajjeb u urietu ħafna rispett. Kien għalhekk li l-poplu Malti taha l-fiduċja tiegħu, fetaħ qalbu magħha u qasam magħha ħafna ħwejjeġ li jixraq li jkunu magħrufa.

Ilg twieldet f'Passau fl-1881 u fl-1899 ġiet Malta fejn, għal tlettax-il sena, għexet qrib ħafna tal-konsulat Ġermaniż. Hija ħalliet Malta fl-1912 u żżewġet bejn is-snin 1912 u 1920. Flimkien ma' żewġha, it-tabib Rudolf Kößler, marret f'San Martin de los

Andes, fin-nofsinhar ta' l-Arġentina. Hemm għexet sa ma mietet fl-1965. Ikun tajjeb li ngħid xi ħaġa dwar il-ħidma tagħha fl-Arġentina għaliex baqgħet imfakkra bħala bniedma li għexet fost poplu barrani, fehmitu, u ssimpatizzat miegħu. Din il-karatteristika tagħha kienet għenitha ħafna fil-ġbir ta' materjal lingwistiku minn fost il-Maltin. "Anki fl-Arġentina, Bertha Kößler-Ilg intefgħet b'ruħha u ġisimha sabiex tiġbor id-drawwiet u t-tradizzjonijiet lingwistiċi tal-poplu li kien jgħix madwarha, jiġifieri l-Arawkani. Xhieda ta' dan hija s-sensiela ta' pubblikazzjonijiet tagħha ... U bħalma f'Malta Bertha Ilg tgħallmet u fehmet wisq tajjeb l-ilsien tal-poplu li kien jgħix madwarha, hekk ukoll is-sinjura Kößler niżlet fil-fond tal-lingwa tqila ta' l-Arawkani. Bil-mod il-mod, il-popolazzjoni lokali bdiet tiftaħ qalbha ma' Bertha u aċċettat li taqsam ma' din il-mara bajda s-sigrieti ta' leġġenda li għall-Indjani kellha tifsir reliġjuż" (Kontzi 1991: 282). L-għażla li tadatta ruħha għall-ħajja tal-poplu li għexet fostu kienet fattur ewlieni fil-karattru ta' Bertha Kößler-Ilg. Bħala għarfien ta' dan, il-poplu Arawkan qasam l-esperjenzi tiegħu magħha; esperjenzi li hi, imbagħad, kitbet dwarhom f'xogħlijiet li huma magħrufa fost l-istudjużi speċjalizzati.

Iżda issa jkun tajjeb li nerġgħu lura għall-ilsien Malti. Bħalma diġà rajna, Hans Stumme kellu l-appoġġ ta' persuni oħra fil-ġbir tal-materjal lingwistiku u Bertha Ilg kellha sehem importanti ħafna f'dan.

Ix-xogħlijiet ta' Stumme u Ilg offrew lill-istudjużi għadd ġmielu ta' testi. Issa l-għan ta' l-istudjużi tal-Malti ma kienx aktar li jitfgħu l-attenzjoni tagħhom b'mod generali fuq il-letteratura Maltija. Wara bidu mudest fis-seklu tmintax, is-seklu dsatax kien ra żvilupp f'din il-letteratura. Issa kien imiss lil kitbiet reliġjużi li jiġu minn ta' quddiem, l-aktar f'dawk li huma traduzzjonijiet tal-Kotba Mqaddsa. Aktar tard bdiet tiżviluppa letteratura b'kontenut sekulari. Għalhekk, fi żmien Stumme ma kienx hemm nuqqas ta' materjal. Il-ġabriet ta' Stumme u Ilg huma ta' xejra speċjali minħabba l-materjal folkloristiku li huma ħadmu fuqu: huma kitbu dak li l-poplu kien ilu snin sħaħ jirrakkonta u jgħanni. Huma ġabru erba' mitt għanja, bil-vantaġġ li dawn ġew ippubblikati bi traskrizzjoni fonetika u b'hekk nafu biżżejjed kif kienu jingħadu dak iż-żmien. Fl-aħħarnett, jeħtieġ li wieħed jinnota b'sodisfazzjon li dawn it-testi kollha inqalbu għall-Ġermaniż u b'hekk saru milħuqa minn pubbliku kbir.

Matul iż-żjara tiegħu fl-Afrika ta' Fuq, Stumme kiseb tagħrif dettaljat dwar id-djaletti tal-Majjistral ta' l-Afrika u, permezz ta' l-għadd kbir ta' pubblikazzjonijiet imsemmija qabel, ta prova li hu kien tabilħaqq minn ta' quddiem fost l-istudjużi tal-Magrebin. Gesenius kien warrab għal kollox it-teżi tan-nisel Feniċju tal-Malti, u wara li kien stħarreġ il-grammatika ta' tmiem is-seklu tmintax, huwa assoċja l-ilsien Malti mad-djalett Magrebin. X'kien jaħseb Hans Stumme, l-istudjuż u l-espert ta' dan il-grupp ta' djaletti, dwar dan?

Fit-tifsir għat-testi mogħtija fil-*Maltesische Studien*, Stumme wera, fil-qosor, il-pożizzjoni tal-Malti. Huwa daħal fl-aspetti fonetiċi (p. 70-123) u nnota dan li ġej: fl-Għarbi l-kelma *gidi* (p. 82, nota 1.) tinstema' *ǧadī* [b'ittri Għarbin] u għalhekk wieħed kien jistenna li l-konsonanti affrikata prepalatali mleħħna /ǧ/ tinżamm ukoll fil-Malti.[10] Dwar dan, Stumme kiteb hekk: "Kliem bħal *gídi* huwa kkwotat minn dawk li jridu jiskopru fdal ta' materjal lingwistiku Feniċju fil-lessiku Malti tal-lum (ħaġa li l-lum għadha ssir biss minn xi litterati Maltin) u, naturalment, jitqies bħala sejba importanti. Madankollu, l-kelma Maltija *gídi* tista' ukoll titqabbel ma' l-Għarbi, u

[10] Dwar dan, ara Borg (1978: 34).

wieħed m'għandux għalfejn iqabbilha ma' l-Ebrajk *gdy* [b'ittri Ebrajċi] jew il-Feniċju *gd'* [b'ittri Ebrajċi]. Il-fatt li fil-qrib hemm il-konsonanti *d* wassal sabiex fixkel il-ħruġ tal-ħoss *ğ* (bħalma ġara fil-kelma *gżira*, fejn iż-*ż* li tmiss magħha twassal għall-istess effett). Jien bl-ebda mod ma biħsiebni nfittex elementi Feniċi qodma fl-ilsien Malti. Lil min jitlob il-fehma tiegħi dwar il-kwistjoni tan-nisel ta' lsien l-arċipelagu Malti, li hu mmarkat b'mod daqshekk evidenti bħala djalett Għarbi, u ma' liema grupp ta' djaletti Għarab nassoċja dan id-djalett, jien inwieġbu, b'xi riserva, dan li ġej: bażikament, il-Malti mhux meħud mill-Magrebin, iżda mill-Għarbi tas-Sirja. Minħabba li Malta hija qrib il-Magreb, bla dubju l-ilsien Malti ħa ħafna elementi lingwistiċi mill-Magrebin, bħalma ħa fil-qasam morfoloġiku (bħal fil-każ tal-konjugazzjoni fl-imperfett bil-forom *n-u, t-u, j-u* tal-plural). Madankollu, l-ilsien Malti ma aċċettax il-ħtif tal-vokali ta' l-ewwel radikali tal-kelma li huwa karatteristika ewlenija tal-Magrebin (*ğabal* "muntanja" u *qatal* "qatel" jinħassu *ğbél* u *qtél* fil-Magrebin, iżda fil-Malti jinħassu *ğébel* u *qátel*). Għalhekk aħna nqisu l-Malti bħala [djalett] Għarbi-Sirjan li, sa mill-ibgħad żminijiet tal-wasla ta' l-Għarbi fis-Sirja, kien esportat lejn Malta. Wieħed jista' jqabbel dan li qed ngħid ma' dak li jaħsbu s-Sirjani tal-lum dwar in-nisel tal-Maltin: "L-abitanti ta' Malta, sinjur, huma minn Akko [belt fit-tramuntana ta' Iżrael]. Għalkemm Melek Ed-Dahir ġie u qered għal kollox din l-art, madankollu l-popolazzjoni baqgħet ħajja. L-Insara fost dawn l-abitanti kienu emigraw. Wara li Ed-Dahir kien qered il-belt ta' Akko, niesha telqu lejn Malta." (Din hija s-silta bil-Ġermaniż, u t-test bl-Għarbi djalettali jinsab fl-artiklu "Id-Djalett tal-Bdiewa tal-Galilea tan-Nofs", ta' von W. Christie li deher fiz- *Zeitschrift des deutschen Palästina-Vereins*, vol. 24 [1901]: 79).

Minħabba f'hekk, Stumme assolutament ma qabilx li jikklassifika l-Malti mal-Feniċju. Min-naħa l-oħra, huwa sostna li d-direzzjoni ta' influwenza fuq il-Malti seħħet hekk: flok il-Feniċju, li ġej mil-Lvant (u li għadda minn Kartaġni), daħal ilsien aktar reċenti mill-istess reġjun: djalett Għarbi mil-Lvant, jiġifieri id-djalett Għarbi-Sirjan.

**Theodor Nöldeke (1836-1930)**[11]

Theodor Nöldeke twieled f'Hamburg fit-2 ta' Marzu ta' l-1836 u miet f'Karlsruhe fil-25 ta' Diċembru ta' l-1930. Fück kiteb hekk dwaru: "[Nöldeke] ma ħadimx biss fil-qasam wiesa' tas-Semitistika..., iżda r-riċerka tiegħu kienet tinkludi ukoll l-istudju ta' l-ilsien Iranjan u tat-Tork li sa dak iż-żmien kien għadu ttraskurat. Huwa kien ta' intelliġenza kbira, ċar fi ħsiebu, b'memorja kbira, u jifhem malajr. B'dawn il-kwalitajiet seta' malajr isib triqtu f'kull qasam, josserva u jifhem dak li hu essenzjali sabiex imbagħad jippreżentah b'mod ċar u preċiż. F'dawn l-oqsma kollha Nöldeke wettaq ħidma sfiqa ta' valur kbir bħala riċerkatur fl-oqsma kollha ta' l-ilsien, bħala pubblikatur, traduttur, grammatiku u kritiku. Għalhekk, huwa jista' jitqies bħala l-aktar orjentalist Ġermaniż importanti ta' żmienu." Fl-1856 Nöldeke iggradwa f'Göttingen b'teżi li kienet intlaqgħet b'kull tifħir u li tittratta dwar l-oriġini u l-kompożizzjoni tal-kapitli [jew *suwar*] tal-Qoran. Nöldeke, imbagħad, intefa' b'ruħu u ġismu għall-istudju tal-Qoran u tal-Poeżija Għarbija Qadima. Fl-1864 huwa ssejjaħ biex imur Kiel sabiex jagħti lezzjonijiet fl-istudji tat-Testment il-Qadim. Minbarra l-ilsna Semitiċi Nöldeke

[11] Tagħrif meħud minn Fück (1955: 217).

għallem ukoll is-Sanskrit. Wara dan, Nöldeke intefa' għall-istudji lingwistiċi, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-Aramajk. Wara li ssejjaħ biex imur fi Strassburg, huwa kompla din ir-riċerka sa ma fl-1875 ippubblika grammatika tal-Mandajk u, fl-1880, dik tas-Sirjak. Fil-qasam storiku, fl-1879 Nöldeke ppubblika *Geschichte der Perser und der Araber zur Zeit der Sasaniden* ("L-istorja tal-Persjani u ta' l-Għarab fi żmien is-Sassanidi"). Sadanittant, huwa baqa' dejjem okkupat bi kwistjonijiet lingwistiċi li fl-1895 wassluh għall-istudju *Zur Grammatik des klassischen Arabisch* ("Dwar il-Grammatika ta' l-Għarbi Klassiku"). Fl-istudju tiegħu ta' l-1904 *Beiträge zur semitischen Sprachwissenschaft* ("Kontribut fil-Lingwistika Semitika") Nöldeke kiteb dwar l-Għarbi Klassiku u d-djaletti Għarab. Huwa kompla ukoll l-istudji tiegħu dwar l-ilsien Għarbi tal-Poeżija Għarbija Qadima. Fil-ktieb *Semitische Sprachen* ("Ilsna Semitiċi") Nöldeke ttratta ukoll il-problema tal-Proto-Semitiku.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-għamla speċjali tal-pubblikazzjonijiet ta' Nöldeke, għal darb'oħra se nikkwota, kelma b'kelma, dak li kiteb Fück (p. 220): "Fir-reċensjonijiet ta' Nöldeke, li bil-kwalità għolja tagħhom ġabulu fama speċjali, jinsabu għadd ta' osservazzjonijiet dettaljati. Dan minħabba li l-ktieb li tiegħu kien jagħmel ir-reċensjoni ma kienx ikun biss deskritt b'mod mill-aktar konċiż u preċiż għal dak li hu l-kontenut u l-valur tiegħu, iżda kien jittieħed ukoll bħala okkażjoni li fiha joħroġ b'xi kontribut essenzjali u ġdid fit-tema tal-ktieb reċensit." F'waħda minn dawn ir-reċensjonijiet huwa esprima ukoll l-opinjoni tiegħu dwar il-pubblikazzjonijiet ta' Stumme dwar l-ilsien Malti.

Fil-perjodiku *ZDMG,* 58 (1904): 903-20, Nöldeke għamel reċensjoni tax-xogħol ta' Hans Stumme *Maltesische Studien und Maltesische Märchen* ("Studji Maltin u Ħrejjef Maltin"). Huwa qabel ma' Stumme dwar iċ-ċaħda tat-teżi Feniċa. Huwa kiteb (p. 904): "Il-teżi antika u żbaljata li l-ilsien Malti huwa djalett Feniċju għadha aċċettata biss minn ftit dilettanti f'Malta." Iżda Nöldeke ħadha kontra t-teżi ta' Stumme dwar l-oriġini Siro-Għarbija ta' l-ilsien Malti. L-ewwelnett, huwa ppreżenta bl-aktar mod deċiżiv il-fehma tiegħu li: "Hu x'inhu, il-Malti huwa assolutament Għarbi. Fil-fatt, huwa jagħmel parti mill-grupp tad-djaletti tal-Magreb." (p. 905). Imbagħad huwa mmira dritt fuq Stumme u qal, "Jeħtieġ li nenfasizza dan li ġej kontra dak li qal Stumme (p. 83) dwar li l-Malti, bażikament, m'huwiex djalett tal-Magreb iżda djalett Siro-Għarbi u li, minħabba li jinsab qrib id-djalett tal-Magreb, ħa ħafna materjal lingwistiku minnu."

Naturalment Nöldeke staqsa lilu nnifsu għaliex Stumme, l-istudjuż tad-djaletti tal-Magreb, kien ċaħad l-oriġini mill-Magreb ta' l-ilsien Malti. Nöldeke irraġuna hekk: "Probabbilment, Stumme wasal għal din l-opinjoni preċiżament għaliex bħala studjuż tad-djaletti ta' l-Afrika ta' Fuq id-differenzi fonetiċi fil-Malti laqtuh sew. Għalih, il-qbil [mad-djaletti tal-Magreb] seħħ, l-aktar, b'mod naturali. Iżda d-differenzi bejn il-Malti u d-djaletti Għarab tas-Sirja huma ħafna akbar mid-differenzi bejn il-Malti u d-djaletti ta' l-Afrika."

Wara li b'dan il-mod Nöldeke assoċja l-Malti mad-djalett tal-Magreb u ċaħad in-nisel Siro-Għarbi, huwa saħħaħ il-fehmiet tiegħu b'argumenti lingwistiċi konkreti. Għal darb'oħra se nikkwota lil Nöldeke (p. 905) għall-argument ewlieni dwar din il-kwistjoni: "Hija ukoll ta' importanza kbira il-karatteristika ewlenija Magrebija, jiġifieri l-għamla ta' l-ewwel persuna singular ta' l-imperfett bil-prefiss *n-*, u l-plural ta' l-ewwel persuna bil-prefiss *n-* u s-suffiss *-u.* Ma setax ikun li l-Maltin ħadu dawn il-karatteristiċi Magrebini wara l-konkwista Nisranija, jiġifieri meta l-Maltin kellhom biss rabta superfiċjali mal-Misilmin tal-kosta [ta' l-Afrika ta' Fuq]. Bla dubju dawn [il-

forom morfoloġiċi] kienu ilhom li qabdu l-għeruq fost il-Maltin." Anki Gesenius kien għaraf l-importanza ta' dan l-argument morfoloġiku.

Bħala aktar xhieda ta' l-isfond komuni bejn id-djaletti tal-Magreb u l-Malti, f'paġna 905 Nöldeke semma s-suffiss *-āt* tat-tielet persuna singular femminil tal-verb bit-tielet radikali *w* jew *j*. Bħala eżempju huwa jagħti l-verb fil-perfett *saqsíeta*. Anki l-korrispondenza ta' *āš* fil-Magrebin ma' forom Maltin bħal *bieš, bîš* u *beš* hija meqjusa minn Nöldeke bħala element komuni fiż-żewġ varjetajiet lingwistiċi. L-istess jingħad għall-użu tal-pronom relattiv *illi* u *li*.

Dwar espressjonijiet Maltin bħal *ḥmistāš iltifel*, Nöldeke kkummenta (p. 906) li "... r-rabta kurjuża tan-numri minn 11 sa 19 man-nom magħdud permezz ta' *l* xterdet mill-Magreb. Sa fejn naf jien, dan il-fenomenu mhux magħruf fil-Lvant."

Nöldeke, imbagħad, daħal fl-argument li fil-Malti m'hemmx forom b'metatesi vokalika. Huwa kompla jgħid (p. 906): "Iżda fenomenu iżolat bħal dan ma jista' jiddetermina xejn. Dan minħabba li fid-djaletti Afrikani l-metatesi vokalika fin-nom seħħet biss b'mod parzjali."

Nöldeke (p. 907) ma qiesx konvinċenti "... ir-rakkont ta' wieħed Nisrani Palestinjan..., li l-Maltin ħarġu mill-belt ta' Akko u xterdu minn hemm," u dan minħabba raġunijiet kronoloġiċi.

Mill-materjal mogħti minn Stumme, Nöldeke jirreferi għall-karatteristiċi tal-Malti (p. 909): "Fil-fatt l-iżvilupp speċjali li seħħ fil-Malti wassal għal varjetà djalettali li tbegħdet ħafna mill-eqreb djaletti relatati magħha." Huwa ttratta din it-tema b'mod dettaljat, u hawn se nikkwota xi punti:

Fil-qasam fonetiku Nöldeke nnota: "Il-funżjoni tal-konsonanti Maltin tmur, tabilħaqq, iktar 'il bogħod milli jiġri fid-djaletti l-oħra tal-Magreb." Hawn huwa rrefera għall-fenomenu ta' assimilazzjoni, bħal fil-każ tal-kelma *jipku* "huma jibku", mill-Għarbi *jabkū*.

L-istess fenomenu ta' "fużjoni" jseħħ fl-espressjoni *kellu* = *kienlu* = Għarbi *kāna lahu* "huwa kellu" (p. 910).

Mill-qasam grammatikali Nöldeke nnota l-parti̇ċipju għall-espressjoni tal-ħin u speċjalment għall-espressjoni ta' l-aspett. Dwar dan hu jgħid (p. 914): "... *qāʿid*, u l-għamliet imqassra tiegħu, jirreferu għall-qagħda jew stat, kif ukoll għall-preżent...." Huwa kkwota bosta espressjonijiet, fosthom *qet nistenna*.

F'dak li hu vokabularju, Nöldeke jgħid (p. 918): "Flimkien mal-kliem ta' nisel Għarbi, fil-Malti hemm għadd kbir ta' kliem missellef mit-Taljan." Xi drabi nsibu kelmtejn jew aktar [ta' l-istess nisel] użati flimkien, bħal per eżempju *siġġíet indurāti* [traskrizzjoni ta' Nöldeke]. B'nota f'paġna 918 Nöldeke rrimarka: "Id-devjazzjonijiet tal-vokali [Maltin] mill-pronunzja stabbilita fit-Taljan (*u* flok *o*, *i* flok *e*) probabbilment imorru lura għal forom Sqallin."

F'ħafna aspetti Nöldeke kkonferma l-opinjonijiet ta' Stumme, iżda f'aspetti oħra huwa ma riedx ikollu x'jaqsam ma' xi interpretazzjonijiet żbaljati ta' Stumme. Wieħed jistagħġeb bil-preċiżjoni li biha, fi ftit spazju, Nöldeke seħħlu jiddeskrivi l-karatteristiċi tal-Malti. Sa ċertu punt, l-istess jista' jingħad dwar Stumme, iżda f'ħafna aspetti Nöldeke għaddieh, bħal per eżempju fil-każ tal-karattru Sqalli tal-fonemi Maltin. Fortunatament, Nöldeke ma kellux jara l-profezija li għamel isseħħ. Fil-fatt, qrib it-tmiem ta' l-artiklu tiegħu (p. 920) huwa kiteb: "Jidher li l-Malti se jibqa' ħaj għal ftit taż-żmien mhux ħażin, jekk, kif aktarx jiġri, ma jċedix postu lill-ilsien Taljan." Bħall-istudjużi kollha, anki l-lingwisti jiżbaljaw, u hawn Nöldeke mar żmerċ

għal kollox. Imn'Alla! Għaliex din il-lingwa mill-aktar interessanti, prodott tal-kuntatt mar-Rumanz u l-Għarbi, għadha ħajja sal-lum.

**Bibliografija**


Abela, G.F.: *Della descrittione di Malta isola nel mare Siciliano con le sue antichità, ed altre notitie*. Malta 1647. Midsea Books, 1984.

Adelung, Johann Christoph.1806. *Mithridates oder allgemeine Sprachkunde mit dem Vater Unser als Sprachprobe in bey nahe fünfhundert Sprachen und Mundarten.* Berlin.

Agius de Soldanis.1753. *Della Lingua Punica presentemente usata da maltesi ovveroNuovi Documenti li quali possono servire di lume all"antica lingua etrusca.* Roma.

*Allgemeine Deutsche Biographie.* 1875. Herausgegeben durch die Historische Commission bei der Königl. Akademie der Wissenschaften. Leipzig.

Badger, George Percy. 1838. *Description of Malta and Gozo.* Malta.

Bellermann, Johann Joachim. 1809. *Phoeniciae linguae vestigiorum in Melitensi Specimen I.* Berlin.

Bellmann, Dieter. 1988. "Hans Stummes Studien und Sammlungen zur Volksliteratur," in: *Asien, Afrika, Lateinamerika,* Special issue 21, 44-51.

Borg, Alexander. 1978. *A Historical and Comparative Phonolgy and Morphology of Maltese.* Diss. Jerusalem.

Brauner, Siegmund. 1988. "Das orientalische Erbe der Afrikanistik an der Karl-Marx-Universität Leipzig," in: *Asien, Afrika, Lateinamerika,* Special issue 21, 7-25.

Cassola, Arnold. 1988. "Una edizione diversa della lista di voci maltesi del Seicento di Hieronymus Megiser," in: *Incontri Siculo-Maltesi. Atti del II Convegno su Malta-Sicilia. Contiguità Linguistica e Culturale* (Malta, 4-6 aprile 1986), 72-86.

Cassola, Arnold (Ed.). 1992. *The Biblioteca Vallicelliana, Regole per la Lingua Maltese. The earliest extant grammar and dictionary of the Maltese language.* Valletta.

Cowan, William. 1964. "An Early Maltese Word-List", *Journal of Maltese Studies,* 2, 217-225.

Cremona, A. 1940. *Vassalli and his times.* Malta.

Dombay, Franciscu de. 1800. *Grammatica Linguae Mauro-Arabicae juxta Vernaculi usum. Accessit Vocabularium Latino-Mauro-Arabicum.* Wien.

Dozy, Reinhart. 1927. *Supplément aux Dictionnaires Arabes.* Leiden/Paris.

Friggieri, Albert. 1987. *Propugnaculum Europae (the Bullwork of Europe) - A German scholar's visit to Malta 400 years ago.* (Unpublished Monography). Malta.

Fück, Johann. 1955. *Die arabischen Studien in Europa bis in den Anfang des 20. Jahrhunderts.* Leipzig.

Gesenius, Wilhelm. 1810. *Versuch über die maltesische Sprache zur Beurteilung der neulich wiederholten Behauptung, daß sie ein Ueberrest der altpunischen sey, und als Beytrag zur arabischen Dialektologie.* Leipzig.

Gesenius, Wilhelm. 1962. *Hebräisches und aramäisches Handwörterbuch über das Alte Testament.* Berlin/Göttingen/Heidelberg.

Jean, Charles-F. - Hoftijzer, Jacob. 1965. *Dictionnaire des inscriptions sémitiques de l'ouest.* Leiden.

Höst, Georg. 1781. *Nachrichten von Marokos und Fes, im Lande gesammelt in den Jahren 1760-1768.* Kopenhagen.

Kontzi, Reinhold. 1991. "Maltesische Redensarten, gesammelt von Bertha Koessler-Ilg," in *Festgabe für Hans-Rudolf Singer.* Frankfurt, pp. 281-297.

Lüdtke, Jens. 1978. *Die romanischen Sprachen im Mithridates von Adelung und Vater.* Tübingen.

Majus, Io. Henricus. 1718. *Specimen Linguae Punicae in Hodierna Melitensium Superstitis.* Marburg. Aktar tard: *Specimen alterum Linguae Punicae.*

Megiser, Hieronymus. 1603. *Thesaurus Polyglottus vel, Dictionarium Multilingue: Ex quadringentis circiter tam veteris, quam novi (vel potius antiquis incogniti) Orbis Nationum Linguis, Dialectis, Idiomatibus & idiotismus constans.* Frankfurt.

Megiser, Hieronymus. 1606. *Propugnaculum Europae. Warhaffte, eigentliche und außführliche beschreibung der viel und weitberühmten Africanischen Insul Malta.* Leipzig.

Mitchell, T.F. 1978. An *Introduction to Egyptian Colloquial Arabic.* Oxford.

Müller, Max. 1863. *Vorlesungen über die Wissenschaft der Sprache.* Leipzig.

Nöldeke, Theodor. 1904. Besprechung von "Hans Stumme, Maltesische Studien. Eine Sammlung prosaischer und poetischer Texte in maltesischer Sprache nebst Erläuterungen" und von "Hans Stumme, Maltesische Märchen, Gedichte und Rätsel in deutscher Übersetzung," *Zeitschrift der Deutschen Morgenländischen Gesellschaft,* 58, 903-920.

Preißler, Holger. 1988. "Hans Stumme in der orientalischen Tradition der Universität Leipzig," in: *Asien, Afrika, Lateinamerika.* Special issue 21, 131-136.

Quintinus Haeduus, Johannes. 1536. *Insulae Melitae descriptio ex commentariis rerum quotidianarum.* Lyon. (See Vella).

Sandreczki, Carl. 1857. *Reise nach Mosul und durch Kurdistan nach Urumia, unternommen im Auftrage der Church Missionary Society in London, 1850.* Stuttgart.

Sandreczki, Carl. 1876. "Die Maltesische Mundart". *Zeitschrift der Deutschen Morgenländischen Gesellschaft,* 30, 723-737.

Sandreczki, Carl. 1879. "Die maltesische Mundart, II." *Zeitschrift der Deutschen Morgenländischen Gesellschaft,* 33, 225-247.

Sznycer, Maurice. 1967. *Les passages en transcription latine dans le "Poenulus" de Plaute.* Paris.

Stumme, Hans. 1904. *Maltesische Studien. Eine Sammlung prosaischer und poetischer Texte in maltesischer Sprache.* Leipzig.

Stumme, Hans. 1909. *Maltesische Märchen, Gedichte und Rätsel in deutscher Übersetzung.* Leipzig.

Stumme, Hans - Ilg, Bertha. 1909. *Maltesische Volkslieder, im Urtext mit deutscher Übersetzung.* Leipzig.

Vella, Horatio C.R. 1980. *The earliest description of Malta (Lyons 1536). Translations and Notes.* Sliema-Malta.

Wehr, Hans. 1985. *Arabisches Wörterbuch für die Schriftsprache der Gegenwart.* Wiesbaden.

Zedler, Johann Heinrich. 1739. *Grosses vollständiges Universal Lexicon aller Wissenschaften und Künste.* Halle/Leipzig.